envision2050

# Viżjoni Malta 2050

Sommarju Eżekuttiv



# Introduzzjoni mill-Prim Ministru

Il-Viżjoni għal Malta 2050 hija stedina biex naħsbu b'mod kuraġġuż dwar il-futur ta' pajjiżna — biex inħarsu 'l quddiem b'għan wieħed, b'ċarezza u b'ambizzjoni. Hija inizjattiva nazzjonali li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja għal kulħadd, issaħħaħ is-sisien ekonomiċi u soċjali tagħna, u tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jirtu pajjiż reżiljenti, dinamiku u mimli opportunitajiet.

Qed inniedu dan il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika għax nemmnu li l-ippjanar m'għandux ikun biss għall-perjodu ta' leġiżlatura waħda, iżda għall-ġenerazzjoni li jmiss. F'dinja li qed tinbidel b'pass mgħaġġel, li wieħed jaħseb fit-tul m'għadux lussu — huwa kruċjali. Il-bidla fil-klima, il-bidliet demografiċi, it-trasformazzjoni diġitali, il-kompetizzjoni globali, u l-inċertezza ġeopolitika, kollha jeħtieġu tweġiba proattiva u b'ħarsa lejn il-futur. Il-Viżjoni għal Malta 2050 hija t-tweġiba tagħna għal din is-sejħa.

Dan il-proċess mhux se jieħu post l-istrateġiji importanti li diġà qegħdin fis-seħħ f'setturi differenti. Pjuttost, se jiġborhom flimkien taħt direzzjoni nazzjonali komuni. Irridu niddeterminaw il-qagħda sħiħa u b'mod ħolistiku — dik li żżewweġ flimkien l-iżvilupp ekonomiku mas-sejħa għall-ġid soċjali, is-sostenibbiltà ambjentali u l-governanza tajba. Huwa dwar il-bini ta' futur aktar koerenti, fejn il-progress f'qasam partikolari jkun ikkumplimentat permezz ta' dak li jseħħ f'qasam ieħor.

Il-qafas tal-Viżjoni għal Malta 2050 jirrifletti dak li smajna s'issa mingħand l-esperti, il-partijiet interessati, u ċ-ċittadini — imma rridu nisimgħu aktar. Il-konsultazzjoni li qed inniedu llum hija sejħa miftuħa għal kulħadd: individwi, komunitajiet, negozji, imsieħba soċjali, u s-soċjetà ċivili. L-ideat, l-esperjenzi u l-aspirazzjonijiet tagħkom huma ta' importanza kbira għalina.

Se nistabbilixxu wkoll miri ċari, b'enfasi speċjali fuq is-sena 2035. Dawn il-miri interim se jgħinuna nkejlu l-progress u nżommu l-momentum hekk kif nimxu 'l quddiem. Iżda dan mhuwiex biss dwar il-miri — huwa dwar il-valuri, l-għażliet u l-azzjoni kollettiva. Huwa dwar ħolqien ta' Malta li taħdem aħjar għal kulħadd, speċjalment għaż-żgħażagħ tagħna, li se jgħixu bl-effetti tad-deċiżjonijiet li nieħdu llum.

Inħeġġiġkom tkunu parti minn dan il-vjaġġ. Involvu ruħkom fil-proċess. Sfidawna. Ispirawna. Għinuna nimmaġinaw Malta kif tixtiequ tarawha fl-2050 — u kif nistgħu naslu hemm flimkien.

Il-futur ma jiġrix waħdu iżda jinbena, jitfassal, u jinkiseb. Ejjew niżguraw li jkun wieħed tajjeb.

**Robert Abela**
Prim Ministru ta' Malta



# Introduzzjoni mill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi

Il-Viżjoni għal Malta 2050 hija impenn biex naħsbu fit-tul — biex nippjanaw għall-futur ta' pajjiżna b'ċarezza, b'ambizzjoni u b'sens ta' responsabbiltà. Dan jirrifletti mod ġdid kif nagħmlu l-affarijiet: wieħed li jħares lil hinn mill-qligħ fuq żmien qasir u miċ-ċikli politiċi, u minflok joffri stabbiltà u trankwillità liċ-ċittadini u n-negozji tagħna.

Fid-dinja tal-lum, il-progress ma jistax jitkejjel bil-Prodott Domestiku Gross (PDG) biss. Huwa għalhekk li din il-viżjoni tintroduċi kultura ġdida — waħda li twessa' l-mod kif niddefinixxu s-suċċess bħala pajjiż. Qegħdin nagħtu aktar valur lis-saħħa u l-benesseri, l-edukazzjoni, is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni, l-inklużjoni, u l-kwalità tal-ħajja. Dawn huma r-riżultati li tassew jimpurtahom minnhom in-nies, u għalhekk għandhom jiggwidaw l-għażliet li nieħdu flimkien.

Il-Viżjoni għal Malta 2050 mhijiex sostitut għall-istrateġiji settorjali; pjuttost, tgħaqqadhom taħt qafas nazzjonali wieħed b'mod koerenti u b'ħarsa lejn il-futur. Din tgħaqqad flimkien l-ambizzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħna, u toħloq spazju għal ħsieb fit-tul, kemm fi ħdan il-Gvern, kif ukoll fis-soċjetà.

Dan l-eżerċizzju ġie mfassal permezz ta' djalogu ma' esperti, partijiet interessati, żgħażagħ, u l-vuċijiet tal-komunità. Issa li qed inniedu l-fażi ta' konsultazzjoni pubblika, qed nifirxu aktar din il-konverżazzjoni. Irridu nisimgħu mingħandkom — l-esperjenzi, l-ideat, it-tħassib u t-tamiet tagħkom.

Il-miri interim għall-2035 se jgħinuna nibqgħu fit-triq it-tajba filwaqt li nissorveljaw il-progress. Dan il-proċess huwa aktar minn pjan direzzjonali (roadmap), iżda huwa mentalità ġdida; waħda li tiżgura li Malta tibqa' reżiljenti, kompetittiva u inklussiva fis-snin li ġejjin.

Nistedinkom tkunu parti minn dan il-vjaġġ. Ejjew nibnu Malta li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu kburin jirtu.

**Silvio Schembri**
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

# Viżjoni Malta 2050
# Miri Strateġiċi sal-2035

## Sommarju Eżekuttiv

Il-Viżjoni għal Malta 2050 hija pjan strateġiku li jistabbilixxi l-aspirazzjonijiet tal-pajjiż għall-25 sena li ġejjin, ibbażat fuq għan ewlieni: li tiġi assigurata kwalità ta' ħajja sana għal kulħadd. Hija inizjattiva nazzjonali li għandha l-għan li tfassal l-iżvilupp fit-tul ta' Malta permezz ta' direzzjoni ċara u miri li jistgħu jitkejlu fuq medda ta' snin (sal-2035).

L-għan prinċipali ta' din il-Viżjoni huwa li tgħaqqad l-istrateġiji settorjali eżistenti kollha taħt qafas komprensiv wieħed, biex jiġi żgurat allinjament bejn il-politiki, ir-realtajiet tal-lum, u l-isfidi u l-opportunitajiet tal-futur. Il-Viżjoni ssawwar x'tip ta' pajjiż Malta tixtieq tkun sal-2050, u tipprovdi pjan direzzjonali strateġiku biex jiggwida l-iżvilupp nazzjonali f'oqsma ewlenin, bħall-ekonomija, l-ambjent, is-soċjetà, il-governanza u l-infrastruttura.

L-għan tagħha hu li tippromwovi żvilupp sostenibbli, tħeġġeġ l-allinjament tal-istrateġiji nazzjonali mat-tendenzi Ewropej u globali, u fl-aħħar nett, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini kollha permezz ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-bini ta' reżiljenza għall-futur.

Dan id-dokument huwa taqsira tal-analiżi estensiva li saret, l-involviment tal-partijiet interessati, u l-ippjanar b'ħarsa lejn il-ġejjieni li lkoll sawru din il-Viżjoni. Din it-taqsira tittraduċi preżentazzjoni estensiva f'dokument narrattiv li jistabbilixxi d-direzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fit-tul ta' Malta. Permezz tal-allinjament bejn l-istrateġiji settorjali, it-tendenzi globali u s-sentiment pubbliku, il-Viżjoni tiddefinixxi liem huma l-prijoritajiet strateġiċi u tippermetti lil Malta tinnaviga b'mod proattiv l-isfidi tal-futur.

## Il-ħtieġa għall-Viżjoni għal Malta

F'dawn l-aħħar għaxar snin, Malta kisbet progress ekonomiku u soċjali notevoli, u b'hekk stabbiliet bażi soda għall-futur. Aħna u nħarsu 'l quddiem naraw kif tendenzi globali emerġenti — bħall-azzjoni klimatika, l-innovazzjoni teknoloġika, u l-evoluzzjoni demografika — jippreżentaw opportunitajiet eċċitanti għal Malta sabiex din tkompli tiffjorixxi. Bl-għan tal-Unjoni Ewropea li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050, dan hu l-mument ideali biex infasslu viżjoni ċara u ambizzjuża fit-tul, li tiżgura l-pożizzjoni ta' Malta bħala nazzjon reżiljenti, kompetittiv u sostenibbli.

Għalkemm hemm bosta strateġiji speċifiċi għal setturi partikolari li diġà huma fis-seħħ, il-Gvern xorta ħass il-bżonn ta' qafas ġenerali li jiġbor kollox flimkien.

Il-Viżjoni għal Malta 2050 tibni fuq dawn l-isforzi billi tintroduċi qafas nazzjonali koerenti li jippromwovi s-sinerġija u jimmassimizza l-impatt. Din il-viżjoni b'ħarsa lejn il-futur u mmexxija mid-data se sservi bħala punt ta' referenza komuni għall-partijiet kollha interessati, tiggwida l-azzjoni kkoordinata u tfassal futur li hu inklużivinklużiv, innovattiv u sostenibbli mill-perspettiva ambjentali.

### Għanijiet

| | |
|---|---|
| Viżjoni Unifikata | Timmira li tgħaqqad flimkien l-istrateġiji settorjali eżistenti taħt saqaf wieħed biex tiżgura allinjament mal-isfidi u l-opportunitajiet tal-futur. |
| Aspirazzjoni Nazzjonali | Tiddeskrivi x'tip ta' pajjiż Malta tixtieq tkun sal-2050 |
| Direzzjoni fit-Tul | Tipprovdi gwida strateġika għall-iżvilupp nazzjonali f'oqsma ewlenin: l-ekonomija, l-ambjent, is-soċjetà, il-governanza, u l-infrastruttura |
| Pjan Direzzjonali Sostenibbli | Toħloq pjan direzzjonali (roadmap) nazzjonali unifikat biex jintlaħaq żvilupp sostenibbli. |
| Allinjament mal-UE u livell Globali | Tiżgura li l-istrateġiji ta' Malta jkunu allinjati mat-tendenzi tal-Unjoni Ewropea u dawk globali. |
| Fokus fuq il-Benesseri u r-Reżiljenza | Tipprijoritizza kwalità ta' ħajja għolja għal kulħadd, tkabbir ekonomiku sostenibbli, u reżiljenza nazzjonali quddiem l-isfidi tal-futur. |

## Metodoloġija

L-eżerċizzju tal-Viżjoni tmexxa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u ġie ddelegat lill-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi, b'appoġġ minn esperti internazzjonali ta' fama dinjija. Twaqqaf ukoll Kumitat Interministerjali ta' Tmexxija li iltaqa' regolarment biex jissorvelja u jivvalida l-proċess.

Sabiex jitqiegħdu s-sisien tal-Viżjoni għal Malta 2050, sar eżerċizzju estensiv ta' valutazzjoni u proċess ta' konsultazzjoni fuq diversi livelli. L-ewwel pass involva analiżi profonda tas-sitwazzjoni preżenti. Ġew analizzati aktar minn tletin strateġiji settorjali ewlenin, li pprovdew ħarsa komprensiva lejn id-direzzjonijiet attwali tal-politiki varji. Dan l-eżerċizzju wassal għar-reviżjoni ta' aktar minn 1,800 inizjattiva individwali, li minnhom ġew ikkonsolidati aktar minn 90 makro-inizjattiva f'qafas unifikat li jirrifletti l-prijoritajiet nazzjonali. Dawn ir-riżultati ġew mirqumin aktar permezz ta' laqgħat ma' ministeri u entitajiet pubbliċi ewlenin, biex tiġi żgurata l-inklużjoni tal-perspettivi istituzzjonali fl-arkitettura strateġika.

B'mod parallel, it-tim tal-proġett ħares ukoll lejn il-kuntest globali li fih trid tpoġġi lilha nnifisha Malta. Ġew identifikati ħmistax-il megatendenza globali ewlenija, li mistennija jaffettwaw b'mod sostanzjali l-iżvilupp fit-tul tal-pajjiż. Dawn it-tendenzi jkopru oqsma teknoloġiċi, ekonomiċi, ambjentali u soċjali, b'enfasi partikolari fuq it-trasformazzjoni diġitali, l-intelliġenza artifiċjali, u l-użu dejjem jikber tal-awtomazzjoni u s-servizzi bbażati fuq il-cloud computing. It-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u t-tkabbir ta' finanzi sostenibbli ġew identifikati wkoll bħala bidliet fundamentali, flimkien mad-dinamika l-ġdida tal-kummerċ globali u l-importanza ekonomika dejjem tikber tas-swieq emerġenti, b'mod partikolari fl-Afrika. Id-diġitalizzazzjoni tal-post tax-xogħol, iż-żamma tat-talent, u l-ħtieġa tal-aġġornament tal-ħiliet kienu temi rikorrenti f'din l-analiżi.

Sabiex jiġi żgurat li l-viżjoni fit-tul ta' Malta tirrifletti l-aħjar prattiki internazzjonali, sar eżerċizzju ta' kejl ta' referenza li permezz tiegħu Malta tqabblet ma' stati żgħar oħrajn b'rekord tajjeb u b'ekonomiji mmexxijin mill-innovazzjoni, fosthom l-Irlanda, il-Lussemburgu, id-Danimarka u Singapore. Dawn il-pajjiżi ġew magħżulin minħabba fil-kapaċità tagħhom li jfasslu u jwettqu viżjonijiet nazzjonali koerenti fit-tul, filwaqt li jinnavigaw dinamika globali kumplessa.

Il-proċess poġġa wkoll enfasi qawwija li jiġi mifhum is-sentiment pubbliku u dak tan-negozji. Ġie kkummissjonat studju indipendenti u robust li janalizza s-sentiment, li twettaq minn kumpanija ta' riċerka barranija, bħala parti mill-kollaborazzjoni aktar wiesgħa mal-esperti internazzjonali tagħna. Din l-analiżi inkludiet komponenti kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi, bi stħarriġ rappreżentattiv fuq livell nazzjonali ta' 1,000 persuna mwettaq b'taħlita ta' metodi li involvew kwestjonarji online u bit-telephone, kif ukoll diskussjonijiet approfonditi fi gruppi fokali. Dawn is-sessjonijiet ġew maqsuma skont l-età tal-individwi fi ħdan il-gruppi, bl-għan li jintlaħqu perspettivi ġenerazzjonali. Kull grupp inkluda parteċipanti minn reġjuni u sfondi professjonali differenti.

## Is-Sentiment Pubbliku: Sisien Sodi u Sejħa għat-Tiġdid

Ir-riżultati jiżvelaw popolazzjoni li ġġorr sens qawwi ta' kburija u identità nazzjonali. Maġġoranza b'saħħitha tidentifika ruħha mill-qrib bħala Maltija u tesprimi kburija ġenwina minħabba fis-sħubija ta' Malta fi ħdan l-Unjoni Ewropea u bil-wirt kulturali rikk tal-pajjiż. Dan is-sens ta' appartenenza jipprovdi bażi soda fuq xiex għandu jissejjes il-futur.

Iċ-ċittadini jinsabu impenjati jsegwu bir-reqqa t-tibdil li qed iseħħ madwarhom. Filwaqt li bosta rrikonoxxew oqsma ta' tħassib — b'mod partikolari żvilupp żejjed, l-affordabbiltà tad-djar u l-ispiża tal-għajxien — dawn il-kwistjonijiet qed jiġu dejjem aktar meqjusin bħala oqsma fejn politika kuraġġuża u li kapaċi tirrispondi għall-eżiġenzi li jinħolqu tista' tagħmel differenza reali. Servizzi bħat-trasport, l-edukazzjoni u s-saħħa rċevew kritika kostruttiva, li tindika xewqa ċara min-naħa tal-pubbliku għal riforma u titjib.

Iż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-34 sena, b'mod partikolari, esprimew interess qawwi fi kwistjonijiet relatati mal-kwalità tal-ħajja — mill-ġlieda kontra t-traffiku u t-titjib tas-servizzi pubbliċi, sal-kisba ta' bilanċ aħjar bejn il-ħajja u x-xogħol. Fl-istess waqt, dawn urew ukoll apprezzament qawwi lejn is-soċjetà u l-kultura ħajja Maltija, billi taw valur għoli lil qasam kulinarju u dak tad-divertiment, kif ukoll lill-aċċess għall-kreattività u l-komunità.

Aħna u nħarsu 'l quddiem, insibu li hemm appoġġ wiesa' għal viżjoni nazzjonali fit-tul. Filwaqt li ħafna jixtiequ jaraw titjib aktar mgħaġġel f'perjodu qasir, il-pubbliku jibqa' miftuħ għal ideat kbar u bidla trasformattiva. Proposti bħal soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli, mudelli ekonomiċi innovattivi u riformi ambjentali b'saħħithom qanqlu l-interess u l-immaġinazzjoni tan-nies.

Huwa importanti wkoll li l-fiduċja fl-istituzzjonijiet Ewropej tibqa' soda, u hemm xewqa ċara li l-istess standards ta' trasparenza, effiċjenza u ġustizzja jiġu riflessi fuq livell nazzjonali. Il-valuri li kienu l-aktar enfasizzati — is-saħħa, il-ġustizzja u s-sostenibbiltà — jirriflettu popolazzjoni lesta biex taħdem għal futur aħjar, imsejjes fuq skop komuni u ħsieb fit-tul.

Il-komunità tan-negozju kienet involuta bl-istess mod, permezz ta' sensiela ta' roundtables settorjali mal-Kapijiet Eżekuttivi u ċ-chairpersons ta' kumpaniji ewlenin Maltin. Dawn is-sessjonijiet online saru fuq jumejn u ġabru flimkien mexxejja minn setturi diversi, fosthom is-saħħa, il-manifattura, il-konsulenza, l-ospitalità, il-finanzi, it-trasport bil-baħar, il-loġistika, u oħrajn. In-negozji rrikonoxxew diversi punti ta' saħħa persistenti fl-ekonomija Maltija, bħall-aġilità tagħha, id-daqs kompatt, l-ambjent li jiffavorixxi n-negozju, u l-kwalità tal-ħajja li toffri. Madankollu, saħqu wkoll fuq sfidi li huma sistematikament preżenti, b'mod partikolari n-nuqqas ta' ħiliet u d-dipendenza żejda fuq ħaddiema barranin, kif ukoll tħassib serju dwar il-kapaċità tal-infrastruttura u l-ħtieġa għal governanza aħjar. Kien hemm sejħa ċara għal aktar allinjament bejn il-perkorsi edukattivi u l-bżonnijiet tal-ekonomija, titjib fil-kollaborazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat, u viżjoni nazzjonali kredibbli u mhux partiġġjana li n-negozji jistgħu jafdaw u jappoġġjaw. Kif qal wieħed minn dawk preżenti: "Għandna bżonn viżjoni nazzjonali li l-pajjiż kollu jista' jimxi magħha, mhux viżjoni politika biss."

Lil hinn mill-istħarriġ u r-roundtables, kien hemm ukoll involviment estensiv tal-partijiet interessati permezz ta' konsultazzjonijiet strutturati. Ġew iddedikati tliet laqgħat li tlaqqgħu taħt l-awspiċji tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD). Dawn kienu jinkludu waħda waqt l-iStartup Festival nazzjonali f'Ottubru 2024 u żewġ laqgħat oħrajn f'Diċembru tal-2024 u Frar tal-2025. Sessjoni separata saret esklussivament mat-Task Force tal-MCESD f'Diċembru tal-2024. Matul l-istess perjodu, saru wkoll laqgħat ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha tal-MCESD fuq bażi individwali — dawn inkludew il-unions, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, kunsilli reġjonali, gruppi tas-soċjetà ċivili u kmamar tal-kummerċ. Saret ukoll konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni fil-bidu ta' Frar tal-2025, wara stedina formali maħruġa f'Diċembru tal-2024. Biex jiġi żgurat li l-perspettivi taż-żgħażagħ ma jiġux injorati, saret sessjoni ddedikata mal-Youth Advisory Forum f'Jannar tal-2025.

Il-fażi ta' viżjonar fi ħdan dan il-proġett ġabet magħha momentum ġdid. F'Diċembru tal-2024 sar workshop ta' ġurnata sħiħa ma' aktar minn ħamsin uffiċjal pubbliku, fejn inħoloq spazju għal riflessjoni kollettiva u tfassil strateġiku. Din is-sessjoni ffukat fuq ideat ġodda, l-identifikazzjoni ta' sfidi strutturali, u l-iżvilupp ta' prinċipji gwida għall-qafas tal-Viżjoni 2050. Abbażi ta' dan, f'Jannar tal-2025, ġiet organizzata konvenzjoni fuq tlett ijiem bl-isem "Envision 2050", bl-enfasi partikolari tkun fuq il-komunità tan-negozju. Aktar minn 400 parteċipant ħadu sehem f'erba' workshops tematiċi li esploraw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-kwalità tal-ħajja, l-awtosostenibbiltà u l-użu intelliġenti tal-art. Dawn is-sessjonijiet, appoġġjati minn esperti internazzjonali, kienu mmirati biex jittrasformaw l-intuwizzjonijiet strateġiċi f'azzjonijiet konkreti, u biex jiġi żgurat li l-viżjoni ma tibqax biss aspirazzjoni, iżda ssir realtà ta' implimentazzjoni.

Flimkien, dawn il-proċessi differenti — riċerka, kejl ta' referenza, analiżi tas-sentiment, u konsultazzjoni wiesgħa — jipprovdu bażi soda għal viżjoni nazzjonali li hija kemm ambizzjuża u inklussiva, ibbażata fuq l-evidenza, u ffurmata mill-vuċijiet tan-nies li qed tfittex li sservi.

## Il-Qafas tal-Viżjoni

Il-qafas tal-Viżjoni għal Malta 2050 huwa mibni fuq dikjarazzjoni ta' viżjoni ewlenija:
**"Nazzjon sikur u reżiljenti, ispirat mill-wirt tiegħu u mmexxi mill-progress, li jippromwovi kwalità ta' ħajja sana għal kulħadd.''**

Din il-viżjoni hija mmexxija minn tliet prinċipji ewlenin:

1. **Reżiljenza u Adattabiltà,** , li huma essenzjali biex jiġi żgurat li Malta tkun kapaċi timmaniġġja b'mod effettiv xokkijiet ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ġeopolitiċi.

2. **Preservazzjoni Kulturali u tal-Wirt**, li tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu rrispettati u protetti l-identità unika u l-wirt storiku ta' Malta.

3. **Impenn lejn Kwalità ta' Ħajja Sana għal Kulħadd,** , li jimmira li jipprovdi aċċess ġust għal servizzi essenzjali, opportunitajiet sinifikanti, u ambjent sostenibbli li jwieżen il-benesseri tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Din il-viżjoni titħaddem b'mod prattiku bis-saħħa ta' erba' pilastri strateġiċi:

1. **Tkabbir Ekonomiku Sostenibbli** , b'enfasi fuq il-kwalità aktar milli l-kwantità, li jippromwovi setturi ta' valur għoli bħas-servizzi finanzjarji, l-avjazzjoni, il-logħob diġitali, u l-manifattura ta' livell għoli.

2. **Servizzi Aċċessibbli u li jqiegħdu liċ-Ċittadin fiċ-ċentru**, li jimmiraw li jsaħħu l-inklużjoni soċjali, is-saħħa u l-mobbiltà.

3. **Pajjiż Reżiljenti u Sistema ta' Edukazzjoni Moderna**, biex jiġi żgurat li Malta tkun kapaċi tadatta għal xokkijiet futuri permezz ta' investiment fil-kapital uman, reżiljenza fl-enerġija u t-tmexxija ambjentali.

4. **Użu Intelliġenti tal-Art u l-Baħar**, li jippromwovi ppjanar spazjali effiċjenti u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali għal bilanċ ekoloġiku fit-tul.

## Pilastru 1: Tkabbir Ekonomiku Sostenibbli

Fis-snin li ġejjin, Malta se tibda tranżizzjoni gradwali minn valutazzjoni tal-progress ibbażat biss fuq it-tkabbir tal-PDG, u dan għax tirrikonoxxi li l-produzzjoni ekonomika waħedha mhux dejjem tirrifletti l-esperjenzi mgħixa li jagħtu s-sens lill-ħajja — bħall-benesseri fiżiku u mentali, is-sens ta' komunità, l-aċċess għan-natura, u t-trankwillità. Minflok, il-kumpass tagħna se jkun il-kwalità tal-ħajja li nistgħu noffru lil kulħadd. L-għan tagħna huwa li nibnu fuq is-saħħiet eżistenti ta' Malta, filwaqt li nimxu b'mod gradwali lejn sistema ta' kejl ibbażata fuq indikaturi usa' li jirriflettu aħjar il-benesseri fid-diversi dimensjonijiet tiegħu.

It-tkabbir tal-PDG se jibqa' punt ta' referenza importanti, iżda se jkun segwit b'mod aktar sostenibbli u inklussiv. Malta qed timmira li sal-2035 tikseb rata ta' tkabbir tal-PDG medja annwali ta' 5% b'mod sostenibbli, immexxija minn investiment strateġiku f'seba' setturi ta' prijorità: it-turiżmu, il-logħob diġitali, is-settur marittimu u t-trasport bil-baħar, l-ekonomija blu u ħodor, is-servizzi finanzjarji, l-avjazzjoni, u l-manifattura ta' livell għoli. Dawn is-setturi, flimkien se jservu bħala l-mutur għall-iżvilupp fit-tul u bbilanċjat, li jwieżen kemm ir-reżiljenza ekonomika kif ukoll kwalità ogħla tal-ħajja.

**Fit-Turiżmu**, l-istrateġija hi li ssir tranżizzjoni lejn offerti premium li jagħtu prijorità lill-kwalità fuq il-kwantità, u li jibbilanċjaw il-volumi tal-viżitaturi ma' nefqa ogħla għal kull ras.

**Fis-Setturi tal-Logħob Diġitali**, il-fokus se jkun fuq it-tisħiħ tal-qafas regolatorju, filwaqt li jiġu esplorati orizzonti ġodda, bħall-iżvilupp tal-video games, e-sports, u d-divertiment interattiv.

**Fl-Industrija Marittima u tat-Tbaħħir**, se jkun hemm espansjoni fil-kapaċità tal-Freeport (permezz ta' reklamazzjoni tal-art lil hinn mix-xatt), proċessi aktar effiċjenti ta' reġistrazzjoni tal-vapuri, u żvilupp ta' rotot kummerċjali ġodda biex tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' Malta bħala ċentru loġistiku.

**L-Investiment fl-Ekonomiji Blu u Ħodor** se jippromwovi s-sostenibbiltà marittima, l-enerġija rinnovabbli, il-ġestjoni ċirkolari tal-iskart, u l-konservazzjoni tal-bijodiversità.

**Fis-Servizzi Finanzjarji**, Malta se tpoġġi lilha nfisha bħala destinazzjoni għal fondi ta' investiment, impriżi fil-qasam finanzjarju-teknoloġiku u l-istabbiliment ta' kwartieri reġjonali ta' kumpaniji multinazzjonali.

**Fis-Setturi tal-Avjazzjoni**, se jkun hemm impenn biex jiżdied in-numru ta' reġistrazzjonijiet tal-ajruplani, titwessa' l-kapaċità ta' manutenzjoni, tiswija u tiġdid (MRO), u jinfetħu rotot internazzjonali ġodda.

**Fl-Industrija tal-Manifattura**, se tiġi aċċellerata t-trasformazzjoni lejn l-Industrija 4.0 — bħala preparazzjoni għall-Industrija 5.0 — b'enfasi fuq oqsma ta' valur għoli bħal dawk tal-farmaċewtika u s-semikondutturi.

Sadanittant, **l-Industrija tal-Kostruzzjoni** se tagħti aktar enfasi lir-rinovazzjoni, l-ippjanar spazjali sostenibbli, u t-tisħiħ tal-benesseri taċ-ċittadini permezz tal-ambjent mibni.

## Pilastru 2: Servizzi Aċċessibbli u li jqiegħdu liċ-Ċittadin fiċ-ċentru

Malta hija impenjata li tipprovdi servizzi pubbliċi li huma inklussivi, effiċjenti u mfasslin skont il-bżonnijiet reali tan-nies. Dan il-pilastru jiffoka fuq kif jiġi żgurat li s-servizzi essenzjali — bħas-saħħa, l-appoġġ soċjali u l-mobbiltà — ikunu aċċessibbli għal kulħadd, irrispettivament mid-dħul jew l-isfond soċjali tal-individwu.

**Fis-Settur tas-Saħħa**, l-enfasi se tkun fuq it-tisħiħ tal-bilanċ bejn id-dispożizzjoni pubblika u dik privata, l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, bħall-intelliġenza artifiċjali għad-dijanjosi u t-telemediċina, kif ukoll l-indirizzar tan-nuqqasijiet persistenti fil-forza tax-xogħol biex tiġi żgurata kura ta' kwalità.

**Fil-Politika Soċjali**, il-prijoritajiet se jkunu t-tkabbir tal-offerta ta' akkomodazzjoni affordabbli, it-titjib tal-livell tal-pensjonijiet, u l-għoti ta' appoġġ immirat lejn gruppi vulnerabbli. Fl-istess waqt, Malta se timxi fuq strateġija migratorja ta' integrazzjoni bbażata fuq il-ħiliet u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni sinifikanti tal-immigranti fis-soċjetà u fl-ekonomija.

**Fir-rigward tal-Mobbiltà**, il-pajjiż se jkompli jħeġġeġ l-użu ta' vetturi elettriċi, jinkoraġġixxi l-użu ta' pjattaformi tat-tip Mobility-as-a-Service (MaaS), u jinvesti f'soluzzjonijiet fit-tul, bħal f'sistemi ta' trasport tal-massa, biex titjieb il-konnettività u titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku.

## Pilastru 3: Pajjiż Reżiljenti u Sistema ta' Edukazzjoni Moderna

Il-bini ta' nazzjon reżiljenti u mħejji għall-futur jeħtieġ investiment fit-tul, kemm fin-nies kif ukoll fis-sistemi. Dan il-pilastru jiffoka fuq kif Malta tista' ssaħħaħ il-kapaċità tagħha biex tadatta għat-tibdil, tipproteġi l-ambjent u l-identità tagħha, u tipprepara lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar permezz ta' sistema edukattiva moderna u li kapaċi tirrispondi għall-eżiġenzi li jinħolqu.

**Fl-Edukazzjoni**, Malta se twettaq riforma komprensiva tal-kurrikulu sabiex l-istudenti jkunu mgħammrin b'mod aħjar bil-ħiliet li għandhom bżonn f'dinja li qed tinbidel b'pass mgħaġġel. Dan jinkludi enfasi qawwija fuq is-suġġetti STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika), kif ukoll l-allinjament aħjar tal-perkorsi vokazzjonali mal-ħtiġijiet tal-industrija u s-setturi emerġenti.

**Fis-Settur tal-Enerġija**, il-fokus se jkun fuq it-tisħiħ tal-konnettività reġjonali u l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, kemm biex titjieb is-sigurtà tal-provvista kif ukoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju skont l-għanijiet klimatiċi ta' Malta.

**L-Ambjent** se jkun ukoll fiċ-ċentru, b'inizjattivi mmirati lejn ir-restawr tal-ekosistemi kostali u rurali, iż-żieda fil-bijodiversità, u l-implimentazzjoni tal-miri ta' newtralità karbonika ta' Malta, permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif ukoll fuq it-teknoloġija.

Fil-qalba ta' pajjiż reżiljenti hemm sens qawwi ta' **Identità Nazzjonali**. Malta se tinvesti fil-preservazzjoni u s-saħħa tal-assi kulturali u storiċi tagħha, issaħħaħ is-sigurtà diġitali u ċivika, u terġa' tibni l-fiduċja pubblika permezz tat-trasparenza, il-parteċipazzjoni u l-kontabbiltà

## Pilastru 4: Użu Intelliġenti tal-Art u l-Baħar

L-art u l-ispazju marittimu limitat ta' Malta jinħtieġu ppjanar bir-reqqa u b'viżjoni fit-tul, biex jiġi bbilanċjat l-iżvilupp mal-protezzjoni ambjentali u l-benesseri fit-tul. Dan il-pilastru jiffoka fuq l-użu intelliġenti kemm tal-art, kif ukoll tal-baħar, sabiex l-iżvilupp jirrispetta l-kapaċità ġeografika tal-pajjiż filwaqt li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja.

**Fl-Ippjanar Urban**, l-għan hu li jiġu promossi prattiki arkitettoniċi sostenibbli u li l-użu tal-art jiġi allokat b'mod strateġiku biex jissaħħu komunitajiet kompatti u abitabbli. L-iżvilupp se jkun iggwidat minn pjanijiet spazjali fit-tul li jagħtu prijorità lill-funzjonalità, ir-reżiljenza u l-armonija viżiva.

Permezz tal-inizjattiva **Green Malta**, il-pajjiż se jkompli jaħdem biex jespandi l-ispazji ħodor urbani u rurali, jipproteġi l-art agrikola mill-iżvilupp eċċessiv, u jappoġġja t-tranżizzjoni lejn karburanti aktar nodfa — inkluż l-introduzzjoni tal-bijokarburanti — biex titnaqqas il-pressjoni fuq l-ambjent u tiżdied il-bijodiversità.

Malta se teżamina wkoll b'kawtela **proġetti ta' Reklamazzjoni tal-Art** li għeruqhom jinsab f'valutazzjonijiet ekonomiċi u ambjentali sodi. Dan jiżgura li dawn l-interventi joffru valur pubbliku fit-tul u jkunu allinjati mal-miri tas-sostenibbiltà.

## Fatturi Abilitanti

Il-kisba tal-viżjoni fit-tul ta' Malta teħtieġ aktar minn għanijiet strateġiċi — hija dipendenti fuq is-sistemi u l-għodod li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tagħhom. Erba' fatturi ewlenin se jservu bħala pedament għal progress sostnut fost il-pilastri kollha:

**Il-Politika u l-Governanza** se jsiru aktar adattabbli, u mmexxija mid-data. Il-qafas regolatorju se jkun iddisinjat biex jirrispondi malajr għal sfidi u opportunitajiet emerġenti, filwaqt li jiżgura t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-involviment wiesa' tal-partijiet interessati.

**Il-Finanzjament** se jiġi allokat b'mod strateġiku biex jappoġġja inizjattivi ewlenin, jiggarantixxi l-kontinwità operattiva u jimmassimizza l-impatt tal-investiment pubbliku. Dan jinkludi l-użu ta' fondi Ewropej u sorsi ta' finanzjament mis-settur privat meta meħtieġ.

**It-Trasformazzjoni Diġitali** se sservi bħala katalist essenzjali, b'investimenti fl-infrastruttura tat-tip digital twin, espansjoni tas-servizzi tal-eGovernment, u l-użu ta' teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali u l-blockchain biex jissaħħu t-trasparenza, it-traċċabbiltà u s-sostenibbiltà ambjentali.

Fl-aħħar nett, il-**Brand Maltija** se tiġi aġġornata u promossa b'mod attiv biex tirrifletti l-identità ta' Malta bħala destinazzjoni innovattiva, responsabbli mill-perspettiva ambjentali, u ta' kwalità għolja — inkwantu ta' talent kif ukoll investiment. Din in-narrattiva se tkun msejsa fuq l-awtentiċità, u allinjata mal-valuri tal-Viżjoni.

## Miri Ewlenin u Ambizzjonijiet Nazzjonali

Il-Viżjoni għal Malta 2050 tidentifika numru ta' miri nazzjonali għall-2035 u l-2050.

**Sal-2035**, Malta għandha l-għan li tidħol fost l-aqwa 20 pajjiż fid-dinja fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem (Human Development Index).

**Sal-2050**, Malta timmira li tkun fost l-aqwa 10 pajjiżi globalment.

Id-dħul medju disponibbli mistenni jilħaq **135% tal-medja tal-UE27** sal-2050, minn **93% fl-2023**.

Barra minn hekk, Malta qed taspira li tkun **fost l-aqwa ħames pajjiżi tal-UE** f'termini ta' **sodisfazzjon ġenerali bil-ħajja** — indikatur li jinkludi l-benesseri personali, is-sigurtà finanzjarja, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, u l-koeżjoni soċjali.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Viżjoni tidentifika titjib fil-lonġevità, fil-livell edukattiv, u fid-distribuzzjoni tad-dħul. Ġew stabbiliti parametri speċifiċi f'kull qasam ewlieni, inkluż tnaqqis tal-faqar fl-enerġija, titjib fis-saħħa pubblika u żieda fil-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol.

## Pjan ta' Implimentazzjoni u Governanza

Il-Viżjoni għal Malta 2050 se tkun issorveljata minn **Uffiċċju ddedikat għall-Ġestjoni tal-Programm (PMO)**, b'mandat ta' koordinament interministerjali, monitoraġġ tal-progress u rappurtaġġ trasparenti. L-ewwel xhur se jkunu ddedikati sabiex dan l-Uffiċċju jsir operattiv, jallinja l-inizjattivi settorjali eżistenti mal-Viżjoni, u jistabbilixxi dashboard nazzjonali biex jitkejjel il-progress abbażi ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

Il-pjan ta' implimentazzjoni jinkludi **approċċ gradwali li jestendi sal-2050**, b'miri ewlenin li jridu jinkisbu sal-2030 u l-2035. L-inizjattivi strateġiċi jiġu mqassmin skont l-iskeda tal-iżvilupp tagħhom u l-impatt mistenni fuq il-kwalità tal-ħajja. Dan jiżgura li l-azzjonijiet bikrin iwasslu għal titjib konkret, filwaqt li jitqiegħdu l-pedamenti għal trasformazzjoni sistematika.

## Konklużjoni u T-Triq 'il Quddiem

Il-Viżjoni għal Malta 2050 mhijiex sostitut għall-istrateġiji settorjali iżda **ġabra ta' dawn taħt saqaf unifikanti** li tipprovdi koerenza u direzzjoni fit-tul. Is-suċċess tagħha jiddependi fuq **sħubija nazzjonali wiesgħa**, kollaborazzjoni bejn is-setturi kollha, u l-ħila li tibqa' flessibbli quddiem inċertezzi futuri.

Fl-aħħar mill-aħħar, din il-Viżjoni għandha l-għan li **televa l-mudell ta' żvilupp ta' Malta** għal futur aktar sostenibbli, inklussiv u prosperu bit-tqegħid tal-**kwalità tal-ħajja fil-qofol** ta' kollox.

It-triq 'il quddiem tinħtieġ ambizzjoni, konsistenza u kuraġġ. B'viżjoni ċara u b'rieda kollettiva sabiex din tiġi rrealizzata, Malta tinsab f'pożizzjoni tajba ħafna biex **tiffjorixxi u żżid tirnexxi fid-deċennji li ġejjin**.

enVision2050



# Viżjoni Malta 2050
# Miri 2035

Dokument ta’ Konsultazzjoni Pubblika

**APRIL, 2025**

# Is-6 pedamenti ewlenin fl-iżvilupp tal-Viżjoni Malta 2050

**Makro-tendenzi globali**

15-il makro-tendenza l-iktar relevanti għal Malta b'rabta mat-theddid u l-opportunitajiet

**Il-Qofol ta' Viżjonijiet nazzjonali**

Għarfien miksub mill-Viżjonijiet ta' pajjiżi oħrajn

**Status Quo – Strateġiji settorjali**

55+ prijorità u 1800+ inizjattiva mnissla mill-istrateġiji settorjali eżistenti Maltin

**Analiżi tas-Sentiment**

Analiżi tas-sentiment taċ-ċittadini u s-settur privat

**Workshop ta' viżjonar**

Il-ġawhar uniċi Maltin, is-suġġerimenti tal-azzjonijiet futuri u l-proposti tal-viżjoni

**Il-Viżjoni aktar fil-fond**

L-approfondità settorja
u workshops tematiċi l
jinvolvu lis-settur privat
rappreżentanti, u esper

*Il-pass li jmiss*

# Il-pedamenti ewlenin – Il-Makro-Tendenzi

# Fost it-tendenzi globali li qegħdin jagħġnu d-dinamiċi globali, 15 minnhom huma l-aktar relevanti għal Malta

Bidla dejjem tiżdied favur il-privatizzazzjoni, flimkien ma' telf ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet

Impatti li qegħdin dejjem jiżdiedu kkawżati mit-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità, u t-tniġġiż, li qegħdin iqanqlu l-ħtieġa ta' prattiċi u politiki sostenibbli

Iż-żieda fil-pressjoni fuq riżorsi naturali bħall-ilma u l-materjali kkawżata minn żieda fil-popolazzjoni u l-konsum

It-theddid dejjem jiżdied minn attakki ċibernetiċi li qegħdin jagħtu dehra ġdida lill-miżuri ta' sigurtà globali

Qalba għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, sistemi ta' distribuzzjoni intelliġenti, u sistemi ta' enerġija iktar effiċjenti b'rispons għat-tibdil fil-klima

Il-progress fis-saħħa diġitali, il-ġenomika, u l-mediċina ppersonalizzata qegħdin jirrevoluzzjonaw l-għoti tal-kura tas-saħħa

Tibdil fl-operat tal-industrija u kif tiżvolġi l-ħajja ta' kuljum, u l-avvanz b'rata mgħaġġla tal-progress fl-oqsma tal-IA, ir-robotika, u l-IoT




Bidliet fid-dinamiċi tal-popolazzjoni, bħall-popolazzjoni li qed tixjieħ, l-urbanizzazzjoni, u ż-żieda fid-diversità qed jittrasformaw ekosistemi globali

Preferenzi li qegħdin jevolvu favur prodotti ppersonalizzati, il-benesseri, u esperjenzi diġitali, li qegħdin jagħtu sura ġdida lill-industrija u l-interazzjoni tan-nies mal-prodotti u s-servizzi

Il-qalba għal soluzzjonijiet intelliġenti, sostenibbli u elettriċi li qegħdin jirridefinixxu kif jiċċaqalqu n-nies u l-prodotti

Bidla fil-valuri u fl-imġiba li qed tħalli effett fuq l-istil ta' ħajja u n-negozju

It-tkabbir fis-servizzi offruti, il-komoditajiet, u t-taqbida għall-aqwa talenti fi ħdan is-swieq tax-xogħol qegħdin jaffettwaw il-mudelli tan-negozju

It-twessigħ tad-disparità fil-ġid u ż-żieda fl-influwenza ta' ġganti diġitali u teknoloġiċi bħala ċentri ġodda ta' poter ekonomiku

Il-qawmien tal-Afrika u ta' ekonomiji emerġenti li qegħdin jagħtu sura ġdida lis-swieq finanzjarji u l-kompetizzjoni

Relevanza dejjem tikber ta' finanzjament sostenibbli, muniti diġitali, u investimenti alternattivi li qegħdin jagħtu dehra ġdida lix-xenarju finanzjarju globali

Sorsi: Riċerka sekondarja, riċerka akkademika, materjal proprjetarju għall-analiżi tat-tendenzi

# Il-pedamenti ewlenin – Viżjonijiet Nazzjonali

# Pajjiżi diversi jistgħu jsegwu rotot differenti fl-iżvilupp tal-Viżjoni tagħhom. Dawn jitfasslu skont l-ambizzjonijiet għolja tagħhom.

Illustrattiv




1 Reġjun Indjan
Sors: Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# Il-pedamenti ewlenin – Strateġiji settorjali

# L-ivvalidar tal-assessjar tal-istatus quo tlesta

**30+**

strateġija

- Ġew analizzati 30+ viżjoni kurrenti u strateġija
- Saru 20+ intervista ma' għadd ta' partijiet interessati

**1,800+**

inizjattiva

- Ġew analizzati 1800+ inizjattiva u mira
- 90 makro-inizjattiva

**90**

makro-inizjattiva

Inġabru taħt qafas komuni 90 makro-inizjattiva

Sors: Analiżi tat-tim

# Il-pedamenti ewlenin – Analiżi tas-Sentiment

# L-analiżi tas-sentiment twettqet billi nstemgħet il-vuċi taċ-ċittadini Maltin u tal-kapijiet tan-negozji

| | Ċittadini | Kapijiet tan-negozji |
|---|---|---|
| Objettivi | Il-ġbir tal-perspettivi u l-opinjonijiet taċ-ċittadini dwar Malta llum, u l-Viżjoni Malta għall-futur | L-identifikar tal-perspettivi u l-opinjonijiet tal-kapijiet tan-negozji mlaħħqin tal-pajjiż |
| Parteċipanti | • ~30 ċittadin Malti (Gruppi Fokus)<br>• ~ 1000 ċittadin Malti (Stħarriġ ta' Opinjoni) | • ~20 rappreżentant tan-negozji mqassmin f'2 gruppi |
| Temi Ewlenin | • **L-identità** nazzjonali u l-orgolju<br>• **Kwistjonijiet** kurrenti<br>• Ir-responsabbiltà u **l-fiduċja**<br>• **Viżjoni għall-2050** | • **Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi** li tmexxi **negozju ġewwa Malta**<br>• **Il-prijoritajiet ewlenin li jinħtieġu bidla**<br>• Ir-responsabbiltà u **l-fiduċja**<br>• **L-elementi ta' suċċess fi ħdan il-Viżjoni** |

# 50+ rappreżentant minn Aġenziji Governattivi u pubbliċi pparteċipaw f'workshop ta' ġurnata sabiex flimkien jimmaġinaw il-futur ta' Malta

***6 prototipi** ta' partijiet interessati kienu speċifikati sabiex jimmaġinaw il-futur ta' Malta*

- *Investitur Ewropew*
- *Kap Eżekuttiv ta' impriża żgħira jew medja*
- *Professjonist żagħżugħ Malti*
- *Student li jinsab Malta fuq programm ta' skambju*
- *Ewropew irtirat*
- *Familja Maltija*

*Gruppi ta' ħidma intersettorjali involuti b'mod attiv sabiex jistimulaw **il-ħidma f'tim, l-involviment attiv, l-innovazzjoni, u l-kreattività***

- **L-innavigar f'xenarji makro -** Makro-tendenzi, analiżi tas-sentiment u l-prijoritajiet
- **Ġurnata fil-futur f'Malta -** Il-ġawhar Maltin
- **L-iddisinjar ta' Malta 2050 -** It-tiswir ta' viżjoni għall-pajjiż
- **It-tiswir ta' viżjoni għall-pajjiż -** X'jagħmel viżjoni tajba
- **Immaġina titlu ta' artiklu fl-2035 -** Eżerċizzju fi grupp

***3 għanijiet** kienu mmirati li jintlaħqu matul il-workshop*

**Għaqqad**
*Saħħaħ il-konnessjonijiet bejn il-Ministeri fil-bini ta' viżjoni kondiviża*

**Immaġina**
*Ħu sehem attiv fit-tiswir tal-Viżjoni Maltija għall-25 sena li ġejjin fil-kuntest ta' tendenzi globali*

**Sawwar**
*Identifika azzjonijiet strateġiċi ewlenin sabiex tiġi implimentata l-Viżjoni 2050 għal Malta*

# Konsultazzjonijiet

***Laqgħat plenarji mal-MCESD***

*18 ta' Ottubru, 2024*

*9 ta' Diċembru, 2024 (inkluż Task Force)*

*27 ta' Frar, 2025*

*17 ta' Diċembru, 2025 – MCESD Task Force*

***Konsultazzjonijiet ma' individwi interessati***

– Il-Union Ħaddiema Magħqudin, il-Kamra tan-Negozji Żgħar u Medji, il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Lukandi u r-Ristoranti, il-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili, il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin, il-Kamra tal-Kummerċ, il-General Workers' Union, il-Forum Unions Maltin (For.U.M.), l-Assoċjazzjoni Maltija ta' Min iħaddem

**Konsultazzjonijiet ewlenin oħrajn**

**Il-Partit tal-Oppożizzjoni (il-Partit Nazzjonalista)**

**Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ**

# envision2050

Viżjoni Malta 2050

Stqarrija

*"Nazzjon sikur u reżiljenti, ispirat mill-wirt tiegħu u mmexxi mill-progress, li jippromwovi kwalità ta' ħajja sana għal kulħadd*

Pilastri

**Tkabbir Ekonomiku Sostenibbli**

L-allokazzjoni ta' riżorsi speċifiċi f'setturi ta' valur miżjud għoli b'impenn lejn il-kwalità fuq il-kwantità, b'fokus fuq l-ekonomiji ekoloġiċi, kemm ħodor u blu

**Servizzi Aċċessibbli u li jqiegħdu liċ-ċittadin fiċ-ċentru**

Servizzi sostenibbli u affordabbli sabiex titrawwem soċjetà inklussiva u li qed tiffjorixxi, bi standards ta' għajxien għoli

**Pajjiż Reżiljenti u Sistema ta' Edukazzjoni Moderna**

L-immaniġġjar strateġiku tal–poter u r-riżorsi umani sabiex jiġu żgurati l-adattabbiltà u t-tħejjija għall-futur

**Użu Intelliġenti tal-Art u l-Baħar**

L-immaniġġjar tal-beni naturali sabiex jiġu żgurati l-bilanċ ekoloġiku u l-prosperità nazzjonali fit-tul

Fatturi Abilitanti

**It-Tfassil ta' politika u l-Governanza:** Il-ħolqien ta' politiki progressivi, robusti, inklussivi, u adattabbli li jallinjaw mal-miri nazzjonali

**Il-Finanzjament:** L-iżgurar u l-allokar ta' riżorsi finanzjarji sabiex jiġu xprunati t-tkabbir sostenibbli u l-innovazzjoni

**Id-Diġitalizzazzjoni:** L-ingranaġġ tal-iktar teknoloġija moderna biex itejbu l-effiċjenza, il-konnettività, u l-kompetizzjoni fost is-setturi kollha

**Il-Brand Maltija:** Il-ħolqien ta' brand Maltija komprensiva, ħolistika, u li tappella għal kulħadd

# KWALITÀ TA’ ĦAJJA SANA GĦAL KULĦADD

## TKABBIR EKONOMIKU SOSTENIBBLI

## SERVIZZI AĊĊESSIBBLI U LI JQIEGĦDU LIĊ-ĊITTADIN FIĊ-ĊENTRU

## PAJJIŻ REŻILJENTI U SISTEMA TA’ EDUKAZZJONI MODERNA

## UŻU INTELLIĠENTI TAL-ART U L-BAĦAR

## FATTURI ABILITANTI

# Il-gwida primarja: **Kwalità ta' ħajja sana għal kulħadd**

## Ir-Rapport tal-Iżvilupp Uman

2023
Ikklassifikat fil-25 post

2035
L-aqwa 20

2050
L-aqwa 10

*4 motivazzjonijiet ewlenin*

- *Il-lonġevità*
- *L-edukazzjoni – it-tagħlim mistenni*
- *L-edukazzjoni – it-tagħlim medju*
- *Id-dħul*

## Id-Dħul Disponibbli Medju tal-UE27

2023
93%

2035
115%

2050
135%

*6 motivazzjonijiet ewlenin*

- *Il-pagi u s-salarji*
- *Id-dħul ta' min jaħdem għal rasu*
- *Id-dħul mill-propjetà*
- *Pagamenti soċjali*
- *It-taxxi*
- *Il-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali*

## L-esperjenza inġenerali tal-ħajja

2023
7.4 it-12-il post

2035
L-aqwa 10

2050
L-aqwa 5

*5 motivazzjonijiet ewlenin*

- *Sodisfazzjon bil-ħajja inġenerali*
- *Il-qagħda finanzjarja*
- *Sodisfazzjon fl-impjieg*
- *Il-Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja*
- *Relazzjonijiet personali*

1 Żviluppat u segwit mill-Programm ta' Żvilupp tal-Ġnus Magħquda 2. EUROSTAT 3.EUROSTAT
Sorsi: Riċerka sekondarja; Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# L-Indiċi tal-Iżvilupp Uman
## L-Evoluzzjoni klassifikatorja ta’ Malta

**Il-klassifika ta’ sena b’sena tal-Indiċi tal-Iżvilupp Uman**
(2012-2050)




Nota: Is-sena tikkorrispondi għas-sena tal-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Iżvilupp Uman. 1. Ir-Rapporti għall-2012 u l-2017 mhumiex disponibbli. 2. Id-data marbuta mal-2022 hija nieqsa, ġaladarba s-sena 2021 tirrappreżenta d-data tal-2021/2022. 3. Id-data marbuta mal-2024 hija nieqsa, ġaladarba s-sena 2023 tirrappreżenta d-data tal-2023/2024.
Sorsi: Ir-Rapport tal-Iżvilupp Uman; Analiżi ta’ studju ta’ każijiet partikolari

# Il-lonġevità, l-edukazzjoni u d-dħul ras għal ras bħala l-muturi ewlenin biex jitjieb l-indiċi tal-iżvilupp uman.

| *Il-Pajjiż* | *Il-Klassifika tal-2024*[1] |
|---|---|
| L-Iżvizzera | 1 |
| In-Norveġja | 2 |
| L-Islanda | 3 |
| Hong Kong | 4 |
| Id-Danimarka | 5 |
| L-Isvezja | 5 |
| Il-Ġermanja | 7 |
| L-Irlanda | 7 |
| Singapore | 9 |
| L-Awstralja | 10 |
| L-Olanda | 10 |
| Il-Belġju | 12 |
| Il-Finlandja | 12 |
| Il-Liechtenstein | 12 |
| Ir-Renju Unit | 15 |
| New Zealand | 16 |
| L-Emirati Għarab Magħquda | 17 |
| Il-Kanada | 18 |
| Il-Korea | 19 |
| Il-Lussemburgu | 20 |
| L-Istati Uniti | 20 |
| L-Awstrija | 22 |
| Is-Slovenja | 22 |
| Il-Ġappun | 24 |
| L-Iżrael | 25 |
| Malta | 25 |

**L-ogħla 10 figuri ewlenin**

| | **Lonġevità** | **Edukazzjoni** | | **Dħul** |
|---|---|---|---|---|
| | *It-tul tal-ħajja mistenni (# Snin) [53-87]* | *It-tagħlim mistenni*[2] *(# Snin) [6-21]* | *It-tagħlim Medju*[3] *(# Snin) [1-14]* | *DNG għal kull ras (2017 PPP k$) [0.7-145]* |
| L-Iżvizzera | **84.3** | 16.6 | 13.9 | 69.4 |
| In-Norveġja | 83.4 | 18.6 | 13.1 | 69.2 |
| L-Islanda | 82.8 | 19.1 | 13.8 | 54.7 |
| Hong Kong | **84.3** | 17.8 | 12.3 | 62.5 |
| Id-Danimarka | 81.9 | 18.8 | 13.0 | 62.0 |
| L-Isvezja | 83.5 | 19.0 | 12.7 | 57.0 |
| Il-Ġermanja | 81.0 | 17.3 | **14.3** | 55.3 |
| L-Irlanda | 82.7 | 19.1 | 11.7 | 87.5 |
| Singapore | 84.1 | 16.9 | 11.9 | **88.8** |
| L-Awstralja[4] | 83.6 | **21.1** | 12.7 | 49.3 |
| L-Olanda[4] | 82.5 | 18.6 | 12.6 | 57.3 |
| **Malta** | **83.7** | **15.9** | **12.2** | **44.5** |

*[n - n]*
*L-Agħar Valur* *L-Aqwa Valur*

1. Il-Klassifika ta' 193 pajjiż, b'punteġġi li jvarjaw bejn 0.38 (Is-Somalja, fil-193 post) sa 0.97 (L-Iżvizzera, fl-ewwel post). 2. In-numru ta' snin ta' tagħlim li tfal tal-età skolastika għandhom jistennew li jirċievu, jekk il-patterns prevalenti ta' rati ta' kitba fl-iskejjel skont l-età speċifika jippersistu matul il-ħajja tat-tfal. 3. In-numru medju ta' snin ta' edukazzjoni li jirċievu nies li għandhom 'il fuq minn 25 u iktar minn 4 snin. 4. Ex-aequo. Sors: L-Iżvilupp Uman

# Il-persentaġġ ta' Malta b'rabta mad-Dħul Disponibbli Medju tal-UE27




Data: EUROSTAT




**Id-Dħul Disponibbli Medju** jirrappreżenta l-punt medju tad-distribuzzjoni tad-dħul, fejn nofs il-popolazzjoni taqla' iktar, u n-nofs l-ieħor jaqla' inqas. Dan ma tantx huwa affettwat minn riżultati li jistgħu jvarjaw ħafna minn oħrajn fl-istess kampjun u għaldaqstant huwa sikwit ikkunsidrat bħala indikatur aħjar minn dak tad-dħul tipiku.

Dħul medju ogħla ġeneralment jindika ekonomija iktar prosperuża/għanja.

Fl-2023, Malta kellha medja ftit inqas minn dak tal-UE27.

# L-esperjenza inġenerali tal-ħajja




Data: EUROSTAT




Il-qafas ta' Indikaturi tal-Kwalità tal-Ħajja huwa strutturat abbażi ta' 9 dimensjonijiet li flimkien jipprovdu x-xenarju ħolistiku tal-benesseri fi ħdan l-UE

Malta tinsab fit-13-il post, ftit 'il fuq mill-medja tal-UE27

KWALITÀ TA’ ĦAJJA SANA GĦAL KULĦADD

**TKABBIR EKONOMIKU SOSTENIBBLI**

SERVIZZI AĊĊESSIBBLI U LI JQIEGĦDU LIĊ-ĊITTADIN FIĊ-ĊENTRU

PAJJIŻ REŻILJENTI U SISTEMA TA’ EDUKAZZJONI MODERNA

UŻU INTELLIĠENTI TAL-ART U L-BAĦAR

FATTURI ABILITANTI

envision2050

# Tkabbir Ekonomiku Sostenibbli

L-allokazzjoni ta' riżorsi speċifiċi **f'setturi ta' valur miżjud għoli**

Impenn lejn **il-kwalità fuq il-kwantità**, b'fokus fuq l-ekonomiji ekoloġiċi, **kemm ħodor u blu**

***Nikkonsolidaw*** *- Tkabbir sostenibbli f'setturi strateġiċi maturi: Turiżmu, Gaming*

***Naċċelleraw*** *- Setturi ta' potenzjal għoli: L-industrija marittima u tat-tbaħħir, is-Servizzi Finanzjarji, u l-Avjazzjoni*

***Nittrasformaw*** *- L-industrija tal-manifattura kollha lejn Industrija 4.0 u 'l hinn, b'fokus fuq: il-farmaċewtika u s-semikondutturi*

***Nimmaniġġjaw*** *- Operat eċċellenti mill-fażi tal-ippjanar sal-eżekuzzjoni fil-qasam tal-kostruzzjoni*

# Tkabbir fil-PDG iffukat fuq 7 setturi

**L-evoluzzjoni tal-PDG skont il-Valur Miżjud Gross (GVA) tas-setturi**
(2023-2025, valuri nominali, €Bn)




**Tkabbir 2023-2035**

**+~140%**

*(~€7Bn vs. ~€18Bn)*

**+~50%**

*(~€13Bn vs. ~up to €20Bn)*

Sors: NSO, Analiżi tat-Tim

# 2035: Ix-Xenarji immaġinati jbassru – **5% tal-PDG**, skont ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR)

## It-tendenza storika tal-PDG

*€8Bn, nominali*




Nota: Ċifri Nominali
Sors: Analiżi tat-Tim, NSO, Ministeru għall-Finanzi, Il-Bank Ċentrali ta' Malta

# Ekonomija Blu/Marittima



*"L-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi għat-tkabbir ekonomiku li fl-istess waqt jippreserva s-saħħa tal-ekosistema marittima u kostali."*

## Sotto-setturi

- *L-Akwakultura*
- *Enerġija li tiġġedded offshore*
- *It-trasport bil-baħar*
- *Id-difiża kostali u l-protezzjoni mill-għargħar*
- *L-ipproċessar tal-ħut u l-molluski*
- *L-estrazzjoni tal-Ilma*
- *It-Turiżmu*

***11-il***
*Inizjattiva identifikata (minn 90)*

# Ekonomija Ħadra/Ekoloġika



*"L-użu effiċjenti tar-riżorsi għall-iżvilupp li jnaqqsu l-emissjonijiet u li jiżguraw il-protezzjoni tal-ambjent."*

## Sotto-setturi

- *L-Agrikultura*
- *Enerġija li tiġġedded*
- *It-trattament tal-iskart u r-riċiklaġġ*
- *Trasportazzjoni li tirrispetta l-ambjent*
- *Manifatturar ekoloġiku*
- *Il-Konservazzjoni tal-bijodiversità*

***24***
*Inizjattiva identifikata (minn 90)*

# It-Turiżmu

# Qalba għal offerta ta' **Turiżmu Premium** sabiex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli

Miri 2035

**Nefqa għal kull lejl**
€275-285[1], *vs €144 attwali, b'4.4-4.5M turist vs. 3.6M fl-2024*

**Il-kontribuzzjoni tas-settur [2]**
€2.4-2.9Bn *vs ~€1Bn attwali*
6-7% GVA[3] CAGR ('25-'35) *vs ~8% - ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR) ta' qabel ('14-'24)*

Tkabbir sostenibbli fis-settur tat-turiżmu jrawwem offerta iktar Premium sabiex **jirribilanċjaw irwieħhom il-valur vs. il-volum;** L-iżvilupp ta' **attrazzjonijiet** (eż. konferenzi, festivals, esibizzjonijiet, …), **akkomodazzjoni** (eż. lukandi/resorts 4-5*), u ekosistema ta' **servizzi/prodotti** (ristoranti, ħwienet, tours lokali, …) biex nattiraw viżitaturi li jonfqu iżjed, bil-mira li n-nefqa għal kull lejl (btala u negozju) tallinja ma' dik ta' destinazzjonijiet Ewropej simili;

1. Valuri nominali. Il-valuri reali, mingħajr ma tikkunsidra l-inflazzjoni, huma ta' €220-230 il-lejl. 2. Mingħajr taxxi u sussidji. It-total tan-nefqa prevista tat-turisti fl-2035 huwa ta' €6.8-7.3Bn. 3. Il-Valur Miżjud Gross (GVA) jiġi kkalkulat billi jingħaddu l-valuri attribwiti għat-turiżmu fil-kategoriji H49, H50, I55, I56, N77, N79, R90, R91, R93 tan-NACE, għajr għall-H51 (Servizzi ta' Trasport bl-Ajru).
Sorsi: NSO, MTA, Intervisti ma' esperti, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# It-Turiżmu | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

1. *It-tlaqqigħ ta' **laqgħat internazzjonali ta' valur ogħla** (eż., summits, fora) u l-ħolqien ta' **avvenimenti ġodda** li jorbtu mal-wirt Malti, il-kultura u ċerti niċeċ (eż., festivals, tournaments)*
2. *Il-bini ta' **faċilitajiet orjentati lejn it-turist** u l-iżvilupp ta' **attrazzjonijiet ġodda** sabiex jipprovdu offerta turistika komprensiva (eż., ċentru għall-konferenzi b'użu mifrux/varju/wiesa', parks ta' divertiment)*
3. *L-espansjoni ta' **akkomodazzjoni premium** u **bini mgħammar daqslikieku lukanda**; dan tal-aħħar japplika b'mod partikolari għal Għawdex (eż., Luxe Airbnb)*
4. *Id-dispożizzjoni ta' ekosistemi ta' **offerti ta' prodotti u servizzi Premium** (eż. ristoranti Michelin, ditti ta' kwalità għolja, tours lokali premium, servizzi VIP)*
5. *Żieda fl-offerti marbutin **mal-port tar-reġistrazzjoni** (eż., turisti Amerikani) u t-tisħiħ fil-konnettività bl-**ajru** u l-isfruttar tal-**pożizzjoni strateġika** ta' Malta*

*Ekonomija Blu/Marittima* · *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# Gaming

# It-tisħiħ tat-tmexxija fl-industrija tal-Gaming sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, il-protezzjoni tal-ġugaturi u l-kompetizzjoni ġusta

## Miri 2035

**Tkabbir ta' 5-6% *fir-Rata' Annwali Kompost (CAGR)***

*konsistenti mar-rata ta' 5-6% attwali, immexxija mil-logħob tal-ażżard*

**Il-kontribuzzjoni tas-settur[1]**

**€2.3-2.8Bn** *vs €1.5Bn attwali li jirrappreżenta 6-7% tal-PDG ipproġettat għall-2035*

L-ikkonsolidar tas-settur **tal-Logħob tal-Azzard** b'qafas regolatorju b'saħħtu sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kompetizzjoni ġusta;Tkabbir fil-ħolqien ta' **kontenut diġitali**, **fl-iżvilupp tas-software**, u **fil-logħob diġitali bħall-video games** permezz **tal-innovazzjoni teknoloġika u t-trawwim tat-talent** meħtieġ

1. Taxxi u sussidji esklużi, u bil-logħob tal-azzard ikollu sehem ta' bejn wieħed u ieħor 80-90% tas-settur tal-Gaming inġenerali
Sorsi: Finanzi Malta, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# Gaming | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

**L-iżvilupp ta' video games, eSports u l-ħolqien tal-kontenut (stream)**

6 *L-offerta ta' **inċentivi fiskali** sabiex Malta titqies bħala l-ġurisdizzjoni ta' għażla naturali għal studios emerġenti*

7 *L-istabbiliment ta' Malta bħala hub ta' divertiment interattiv **bit-trawwim tal-innovazzjoni, it-talent u s-sħubija globali fl-iżvilupp** tal-video games u l-eSports*

8 *It-tlaqqigħ annwali ta' **Tier 1 eSports u tournaments** kontinwi lokali li jġibu lill-komunità flimkien*

**Il-Każinò u l-iGaming**

9 *It-titjib ta' programmi ta' apprendistat bi sħubija ma' aġenti ewlenin fl-industrija sabiex jiġi żgurat **l-iżvilupp tat-talent lokali***

10 *L-operaturi liċenzjati kollha jiġu ordnati li sal-2035, **iċ-ċentri tad-data jkunu jaħdmu b'enerġija rinnovabbli**, filwaqt li jingħataw inċentivi fiskali lil dawk li jkunu konformi*

*Ekonomija Blu/Marittima* | *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# It-tbaħħir u l-Qasam Marittimu

# L-ekonomija marbuta mat-tbaħħir u tax-xogħol fil-qasam marittimu turi potenzjal ċar li kapaċi **tirdoppja r-rata storika ta' tkabbir**

Miri 2035

Tkabbir ta' 7% fir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR), *bl-iruduppjar tal-valur storiku (4-5% '17-'23)*

Il-kontribuzzjoni tas-settur[1] €0.8-1.3Bn *vs €0.5Bn attwali, li jirrappreżentaw 2-3% tal-PDG ipproġettat għall-2035*

Titjib fil-kapaċità tal-kummerċ u tal-port **biż-żieda ta' rotot ta' kummerċ** u **l-espansjoni tal-Freeport** sabiex jimmaniġġja iktar containers tal-20 pied;
Tisħiħ fil-forza tax-xogħol fil-qasam marittimu permezz ta' **programmi ta' apprendistat apposta** sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas
tal-ħiliet, filwaqt li jiġu **appoġġjati r-reġistrazzjonijiet tal-vapuri** billi jiġu ssimplifikati l-proċessi u billi jitjiebu servizzi speċifiċi

1. Taxxi u sussidji esklużi
Sorsi: Finanzi Malta, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# It-tbaħħir u l-qasam marittimu | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

11 *__L-esplorazzjoni ta' rotot ġodda ta' kummerċ f'kull port__ (kemm domestiku kif ukoll internazzjonali) sal-2035 u l-assessjar ta' rotot internazzjonali ġodda għall-Freeport imkabbar u estiż (bit-3et terminal) u lejn portijiet maġġuri oħrajn*

12 *__L-għoti ta' spinta lill-ipproċessar tal-merkanzija u s-servizzi marittimi__ permezz ta' titjib fl-infrastruttura eżistenti f'kull port (bl-esplorazzjoni ta' iktar espansjoni); L-implimentazzjoni __tal-espansjoni eżistenti tal-Freeport u l-Programm__ ta' tħejjija għall-kompetizzjoni, u t-tkomplija __tal-kostruzzjoni tat-3et terminal__ permezz tar-reklamazzjoni tal-art*

13 *Trawwim edukattiv mogħti lill-professjonisti permezz ta' __degrees speċjalizzati u programmi ta' taħriġ vokazzjonali u apprendistat__ minn istituzzjonijiet marittimi sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas tal-ħiliet preżenti fis-settur marittimu*

14 *Is-sostenn __lir-reġistrazzjoni tal-vapuri__ bis-simplifikar tal-burokrazija u t-titjib ta' servizzi speċifiċi, filwaqt li jiġi pprovdut qafas regolatorju robust u inċentivi għall-operaturi ewlenin ġewwa Malta*

*Ekonomija Blu/Marittima* *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# Is-Servizzi Finanzjarji

# **Is-Settur Finanzjarju** huwa pproġettat li jżid **l-impatt tiegħu fuq il-PDG**, filwaqt li tikber ir-relevanza ta' Malta fil-qasam, fil-kuntest tal-UE

## Il-Miri 2035

### Ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Gross (CAGR) tas-settur hija ta' 9-10%

*vs ir-rata ta' ~ 9% ta' qabel ('14-'23), xprunata l-aktar b'Fondi ta' Investiment, l-Immaniġġjar tal-Ġid, u l-qasam Finanzjarju-Teknoloġiku (Fintech)*

### Il-Kontribuzzjoni tas-Settur[1]

**€4.8-5.3Bn** *vs ~€2Bn attwali, li jirrappreżentaw ~13% tal-PDG ipproġettat għall-2035*

It-tkabbir fis-settur tas-Servizzi Finanzjarji ġie xprunat bl-attirar ta': (i) **Fondi ta' Investiment**, (ii) **Il-qasam tal-Immaniġġjar tal-Ġid**, (iii) **Il-qasam Finanzjarju-Teknoloġiku**, u (iv) **l-istabbiliment ta' kwartieri reġjonali ta' kumpaniji multinazzjonali ġewwa l-pajjiż[2].**

Dan kollu huwa possibbli bis-saħħa ta' servizzi korporattivi ta' kwalità għolja, regolamenti li jimmassimizzaw il-valur, benefiċċji fiskali, id-diġitalizzazzjoni, u forza tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa.

1. Taxxi u sussidji esklużi 2. Kumpaniji medji fis-suq
Sorsi: Finanzi Malta, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# Is-Servizzi Finanzjarji | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

15 *L-attirar ta' **fondi ta' investiment** bis-saħħa **tas-simplifikar tar-regolamenti**, l-iżvilupp ta' **proċess ta' liċenzjar mgħaġġel** (e.ż., bl-adozzjoni tal-IA) u l-ingranaġġ ta' **promozzjoni** internazzjonali biex tingħata spinta lill-qasam **tal-Immaniġġjar tal-Ġid***

16 *L-attirar u l-iżvilupp **ta' kumpaniji fil-qasam Finanzjarju-Teknoloġiku** (eż., Open-Banking, Crypo, eċċ.) permezz tal-użu tat-teknoloġija fil-qasam finanzjarju, eż., Fintech **sandbox**, u promozzjoni internazzjonali*

17 *L-attirar **tal-istabbiliment ta' kwartieri reġjonali ta' kumpaniji multinazzjonali** bit-titjib **ta' servizzi korporattivi** (eż., ditti legali, servizzi marbutin ma' konformità fiskali, eċċ.), l-adozzjoni **ta' governanza regolatorja korporattiva**, u **sistema ġudizzjarja diġitali***

18 *Titjib fil-kurrikuli u **programmi edukattivi** (inkluż it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema) fil-qasam tal-finanzi u dak finanzjarju-teknoloġiku, u l-ħolqien **ta' skemi ta' residenza u visa** biex jiġu attirati lejn il-pajjiż esperti globali*

19 *It-tisħiħ **fir-regolamenti tat-twellija fil-qasam tal-avjazzjoni** sabiex Malta tikseb l-fama ta' ospitu attraenti fil-qasam tat-twellija tal-ajruplani, filwaqt li jinbena qafas regolatorju robust*

Is-Servizzi Finazjarji maħsubin li jservu bħala **katalist għat-tkabbir ta' setturi oħrajn** permezz ta' investimenti u riżorsi ta' finanzjament, bis-saħħa ta' inizjattivi ewlenin b'għan trasformattiv (eż., Pjattaforma ta' Skrutinju (**Due Diligence Portal**), Infrastruttura ta' Hub ta' Pagamenti Diġitali (Digital Payment Hub Infrastructure)

1 Investiment kemm f'beni Maltin kif ukoll f'dawk internazzjonali
Sorsi: Finanzi Malta, NSO, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# L-Avjazzjoni

# It-tkabbir fl-industrija tal-avjazzjoni huwa xprunat l-iktar biż-żieda tar-reġistrazzjoni ta' ajruplani kummerċjali u attivitajiet marbutin mal-manutenzjoni, it-tiswija, u l-operat (MRO)

Il-Miri 2035

Tkabbir ta' 13% fir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR), *bi prestazzjoni aqwa mir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR) ta' 11% matul l-aħħar 7 snin*

Il-Kontribuzzjoni tas-Settur[1] €2.8-3.3Bn *vs €700Mn attwali, li jirrappreżentaw 8-9% tal-PDG ipproġettat għall-2035*

**Konnettività diretta b'titjiriet fuq distanzi twal** ma' ajruporti internazzjonali ewlenin u **sehem ibbilanċjat bejn linji tal-ajru low-cost vs. dawk li joffru servizz komprensiv għal konnessjonijiet** fuq medda medja; L-iżgurar tal-kompetittività **fir-reġistrazzjoni tal-ajruplani, fin-negozju marbut mal-manutenzjoni, it-tiswija u l-operat (MRO), u l-merkanzija bl-ajru;** It-tisħiħ fit-trasbord marittimu u t-tkabbir fil-kummerċ elettroniku, filwaqt li jingħata **ingranaġġ lill-ekonomija spazjali** sabiex jingħata spinta t-tkabbir fis-settur

1 Taxxi u sussidji esklużi
Sorsi: Finanzi Malta, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# L-Avjazzjoni | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

| | |
|---|---|
| **Linji tal-Ajru (Linji tal-Ajru low-cost & Linji tal-Ajru b'servizz komprensiv)** | 20 ***Konnettività bl-Ajru***: *Tiġi stabbilita* ***konnettività diretta b'titjiriet fuq distanzi twal*** *(i.e., l-Amerika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani u l-Asja)* |
| | 21 ***Il-Kwalità tal-Offerta***: *Jiżdied is-sehem ta' linji tal-ajru b'servizzi komprensivi* |
| | 22 *Jiġi ffaċilitat u appoġġjat* ***in-negozju tar-reġistrazzjoni tal-ajruplani*** *permezz tas-simplifikar tal-burokrazija u b'servizzi speċjalizzati, u* ***l-proviżjoni ta' inizjattivi*** *sabiex parzjalment jew b'mod sinifikanti, in-negozji jirrilokaw irwieħhom (i.e., kwartieri reġjonali ta' kumpaniji tal-ajru)* |
| **Attivitajiet marbutin mal-Manutenzjoni, it-Tiswija u l-Operat (MRO)** | 23 *Jiżdied* ***il-fatturat/id-dħul minn attivitajiet marbutin mal-manutenzjoni, it-tiswija u l-operat (MRO)*** *bis-saħħa ta' titjib u aġġornar fil-faċilitajiet (eż., post speċifiku li fih jistgħu jiġu ttestjati l-ajruplani) u bl-istabbiliment ta' stabbilimenti tat-tiswija ta' komponenti speċjalizzati (eż., l-avjonika, il-komponent idrawliku, u oħrajn)* |
| **Il-Loġistika u l-Merkanzija** | 24 *Jiġi żviluppat* ***terminal iddedikat għall-merkanzija*** *fl-Ajruport Internazzjoni ta' Malta (bl-espansjoni tal-imħażen, il-ħażna mkessħa/tal-friża, u żoni ta' sigurtà massima) biex jitjieb il-volum tat-trasbord u l-kummerċ elettroniku* |
| **L-Ekonomija tal-Ispazju** | 25 *Jiġu sfruttati* ***teknoloġiji marbutin mas-satelliti*** *u* ***l-immaniġġjar tal-ispazju tal-ajru permezz tal-IA*** *sabiex titjieb l-effiċjenza fir-rotot u l-konnettività, filwaqt li jittieħed vantaġġ minn fondi tal-UE sabiex tingħata spinta lir-Riċerka u l-Iżvilupp fis-settur (R&D)* |

# Manifattura ta’ kwalità għolja

# L-użu u l-kontroll ta' avvanzi teknoloġiċi filwaqt li jiġu pprijoritizzati industriji ta' kwalità għolja

## Il-Miri 2035

### Ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost ta' 4-5%

*hija allinjata mar-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost ta' 5% ('13-'23), bl-ingranaġġ ta' teknoloġiji ġodda*

**Immexxija parzjalment minn żewġ industriji[2]**

**Is-Semikondutturi**

Ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR) tal-Industrija hija ta' 6.5-7% *vs l-ammont attwali li mhux magħruf, immexxija mill-adozzjoni tal-Industrija 4.0 u lil hinn*

**Il-Farmaċewtika**

Ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR) tal-Industrija hija ta' 7.5-8% *vs l-ammont attwali li mhux magħruf, immexxija mill-adozzjoni tal-Industrija 4.0 u lil hinn*

### Il-kontribuzzjoni tas-Settur[1] hija ta' €1.9-2.4Bn

*vs. ~€1.3Bn attwali, li jirrappreżentaw 5-6% tal-PDG ipproġettat għall-2035*

**Immexxija parzjalment minn żewġ industriji[2]**

**Is-Semikondutturi**

Il-Kontribuzzjoni tas-Settur €0.3-0.4Bn, *li jirrappreżentaw ~1% tal-PDG ipproġettat għall-2035*

**Il-Farmaċewtika**

Il-Kontribuzzjoni tas-Settur €0.2-0.3Bn, *li jirrappreżentaw ~1% tal-PDG ipproġettat għall-2035*

Is-settur Malti tal-manifattura se jgħaddi minn trasformazzjoni, hu u jgħaddan **l-Industrija 4.0 u lil hinn** u javvanza lejn industriji ta' **kwalità għolja xprunati mit-teknoloġija**, bħal dawk **tal-farmaċewtika u s-semikondutturi**

1 Taxxi u sussidji esklużi; Data storika għadha trid tiġi pprovduta. 2 Selezzjoni ta' industriji relevanti; Kontribuzzjonijiet oħrajn qed isiru mill-bqija tal-kategoriji tal-manifattura skont il-klassifika tan-NACE.
Sorsi: NSO, Riċerka sekondarja, Intervisti ma' esperti, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# Manifattura ta' kwalità għolja | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

26 ***It-Tranżizzjoni lejn Industrija 4.0 u lil hinn:*** *L-integrazzjoni tat-Teknoloġija bħall-IoT, l-IA, ir-robotika u data wiesgħa fil-manifattura u l-ktajjen ta' forniment biex itejbu l-effiċjenza, il-preċiżjoni, il-kapaċità tat-tkabbir u biex jiġu xprunati l-innovazzjoni u l-kompetittività*

**Is-Semikondutturi**

27 ***Żieda u tkabbir fil-Produzzjoni:*** *Il-possibbiltà li tiżdied il-produzzjoni tal-atturi kurrenti fil-qasam tal-manifattura li qed joperaw f'Malta u li jiġu attirati manifatturi tas-Semikondutturi ġodda*

28 ***Ir-Riċerka u l-innovazzjoni:*** *L-estensjoni tal-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni marbutin ma' għodod ta' ingranaġġ (eż., Patent Box) u l-istabbiliment ta' Malta bħala ċentru ta' riċerka, ittestjar u innovazzjoni (e.ż., OMCL[1], hub ta' investigazzjoni klinika), b'fokus fuq il-bijoteknoloġija marittima*

**Il-Farmaċewtika**

29 ***Żieda fil-volum tal-produzzjoni[2]:*** *Il-promozzjoni tat-tkabbir fl-immanifatturar ta' mediċini ġeneriċi u li jiġu attirati prodotti ġodda fil-qasam bijoloġiku*

1. Laboratorji Uffiċjali għall-Kontroll tal-Mediċini (OMCL) 2. Inizjattiva #27 tinkludi kemm inizjattivi marbutin mal-industrija tas-Semikondutturi kif ukoll ma' dik tal-Farmaċewtika

Sors: Ministeru għall-Ekonomija, UN Comtrade, sejħiet t'esperti, analiżi tat-tim

*Ekonomija Blu/Marittima* *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# Konstruzzjoni Intelliġenti

# L-infurzar tal-politiki u l-koordinazzjoni fost l-awtoritajiet relevanti se jiżguraw tkabbir regolat fil-kostruzzjoni

## Il-Miri 2035

**Ir-Rata ta' Tkabbir Annwali Kompost (CAGR) ta' 6-7%** *vs ir-rata ta' ~10% ta' qabel fit-tkabbir ta' bejn '13-'23*

**Il-Kontribuzzjoni tas-Settur[1] €1.6-2.1Bn** *vs €0.8Bn attwali, li jirrappreżentaw ~5% tal-PDG ipprogettat għall-2035*

Żvilupp fis-suq tal-propjetà li jipprijoritizza **r-rinnovar** filwaqt li jinkorpora **espansjoni vertikali** f'żoni kkonċentrati u potenzjalment strateġiċi u **binjiet b'użijiet varji** f'kostruzzjonijiet ġodda, it-tnaqqis fil-konsum tal-art, is-salvagwardjar ta' żoni storiċi urbani sabiex jagħmluhom postijiet iktar abitabbli, filwaqt li jiġu pprovduti bis-servizzi u l-komunikazzjonijiet meħtieġa u infrastruttura għat-trasport; Approċċ integru bejn entitajiet differenti, il-ħolqien ta' infrastruttura diġitali, u l-monitoraġġ f'ħin reali tal-binjiet se **jimminimizza l-impatt** li siti tal-kostruzzjoni jkollhom fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini

Sorsi: NSO, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# Il-Kostruzzjoni | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

30

*It-tlaħħiq mad-domanda għal* ***spazji li wieħed jista' jgħix fihom*** *permezz tar-****rennovar*** *u binjiet ġodda, filwaqt li jibqa' jkun hemm konformità mar-regolamenti tal-bini u l-implimentazzjoni ta' prattiċi* ***sostenibbli*** *u ta'* ***kostruzzjoni intelliġenti***

31

*L-għoti ta' spinta lill-proviżjoni ta' inċentivi fiskali u* ***skemi*** *għar-****rennovar*** *tal-binjiet u t-titjib fl-użu effiċjenti tal-enerġija (eż., l-istallar ta' sistemi fotovoltajċi, l-insulazzjoni tas-soqfa u l-ħitan, u t-tisqif ekoloġiku)*

32

*L-iżvilupp ta' pjattaforma* ***b'data ġeografika integrata*** *biex fiha tinġabar informazzjoni minn kull awtorità li tista' tkun relevanti għal dan, li jagħtu lok għall-assessjar ta'* ***x'kapaċità jiflaħ il-bini****, l-identifikazzjoni ta'* ***żoni kkonċentrati/potenzjalment*** *iktar vulnerabbli minn oħrajn, u l-ippjanar ta'* ***sistema tat-trasport integrata****, sabiex tiġi żgurata taħlita ta' faċilitajiet soċjali u ambjentali f'żoni urbani*

33

*Tingħata s-setgħa lill-awtoritajiet lokali/reġjonali sabiex dawn ikunu parteċipi fil-monitoraġġ u l-ippjanar ta' siti u xogħlijiet tal-kostruzzjoni sabiex jiżdied* ***il-koordinament*** *fost l-entitajiet ikkonċentrati sabiex jiġi* ***mminimizzat*** *l-impatt tal-kostruzzjoni fuq* ***il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadin***

*Ekonomija Blu/Marittima* · *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

KWALITÀ TA' ĦAJJA SANA GĦAL KULĦADD

TKABBIR EKONOMIKU SOSTENIBBLI

**SERVIZZI AĊĊESSIBBLI U LI JQIEGĦDU LIĊ-ĊITTADIN FIĊ-ĊENTRU**

PAJJIŻ REŻILJENTI U SISTEMA TA' EDUKAZZJONI MODERNA

UŻU INTELLIĠENTI TAL-ART U L-BAĦAR

FATTURI ABILITANTI

# SERVIZZI AĊĊESSIBBLI LI JQIEGĦDU LIĊ-ĊITTADIN FIĊ-ĊENTRU

Servizzi aċċessibbli u sostenibbli sabiex titrawwem soċjetà inklużiva u b'saħħitha, bi standards ta' għajxien għoljin, kura tas-saħħa tal-aqwa kwalità, mobbiltà effiċjenti u infrastruttura għat-trasport

### *Il-Kura tas-Saħħa*

Sistema **tas-saħħa ta' kwalità għolja tul il-ħajja** li tiżgura aċċess f'waqtu għal **teknoloġiji mediċi avvanzati**

**Id-Diġitalizzazzjoni u IA** li ttejjeb **il-kura preventiva** u tiżgura forza tax-xogħol reżiljenti fil-qasam tas-saħħa

**Awtorizzazzjoni finanzjarja** strateġika mis-settur **privat sabiex titwessa' l-aċċessibbiltà tas-servizzi għal kulħadd**

### *Il-Politiki Soċjali*

**Pajjiż inklużiv** u **ugwali** li joffri akkomodazzjoni affordabbli għall-familji żgħażagħ, politika tal-migrazzjoni, inizjattivi biex jiġi indirizzat **il-qgħad** fost iż-żgħażagħ

Il-promozzjoni tal-koeżjoni komunitarja u l-ħolqien ta' **opportunitajiet għal kulħadd**

### *Il-Mobbiltà*

**Sistema nazzjonali ta' trasport sostenibbli fit-toroq**, li tgħaqqad mikro-mobbiltà privata, pubblika u kondiviża, immaniġġjata minn pjattaforma ta' **Mobbiltà bħala Servizz**

**Konnettività internazzjonali bl-ajru** li tibbilanċja l-kwalità u l-affordabbiltà tas-servizz, **b'konnessjonijiet diretti** kemm għal destinazzjonijiet fil-qrib, **kif ukoll lejn destinazzjonijiet imbiegħda**.

**Sistema innovattiva ta' droni** sabiex tiġi ssimplifikata l-konsenja tal-merkanzija fil-gżira

# Il-Kura tas-saħħa | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

33 ***Aġġornar fl-infrastrutturi tas-saħħa:*** *Titjib fl-infrastrutturi eżistenti tas-saħħa biex jissaħħu s-servizzi, il-kapaċità u l-kwalità*

34 ***Sħubijiet bejn is-settur Pubbliku u dak Privat (PPPs):*** *It-twaqqif ta' sħubijiet mas-settur privat u t-titjib tal-kapaċitajiet tal-Gvern fit-tfassil u l-immaniġġjar tal-PPPs*

35 ***Polza ta' Assigurazzjoni tas-Saħħa Volontarja:*** *Il-promozzjoni ta' poloz ta' assigurazzjoni privati biex jiġu żgurati servizzi ta' kwalità għolja u jitnaqqsu l-ispejjeż*

36 ***Mard li ma jittiħidx (NCDs) u l-kura palljativa:*** *It-tnaqqis tal-piż dovut għal mard li jittieħed u t-titjib fil-kura palljativa permezz tal-prevenzjoni u politiki mfasslin apposta*

37 ***Pjattaforma tas-saħħa mmexxija mill-IA:*** *L-identifikazzjoni tal-mard jew tar-riskji ta' meta persuna tkun irrikoverata fl-isptar biex jittejbu d-deċiżjonijiet marbutin mat-trattament u s-servizzi tat-telemediċina (eż., konsultazzjoni virtwali, l-immaniġġjar tal-pazjenti mmexxi mid-data)*

38 ***Ir-reżiljenza tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa:*** *It-trawwim ta' tagħlim kontinwu permezz ta' networks internazzjonali u t-tisħiħ fl-infurzar tal-benesseri permezz ta' soluzzjonijiet diġitali*

39 ***Ir-rata tal-fertilità:*** *Titjib fir-riżultati tal-fertilità tal-popolazzjoni Maltija permezz tal-issussidjar tat-trattamenti tal-IVF, il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja aktar sani, tnaqqis fl-espożizzjoni għal sustanzi ħżiena, u titjib fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja*

40 ***Appoġġ għas-Saħħa Mentali:*** *It-tisħiħ ta' programmi marbutin mas-saħħa mentali ġewwa l-iskejjel, maħsubin għall-istudenti u l-ġenituri, inkluż l-identifikazzjoni bikrija ta' problemi emozzjonali u dipendenzi (eż., l-abbuż mid-droga, l-użu eċċessiv ta' skrins diġitali)*



Sorsi: OECD, Eurostat, WHO, Our World in Data, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# Politiki Soċjali | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

41 It-tisħiħ **fl-offerta ta' akkomodazzjoni soċjali** u **affordabbli** bis-saħħa ta' soluzzjonijiet speċjalizzati ta' akkomodazzjoni biex tintlaħaq d-domanda li ġejja minn gruppi vulnerabbli

42 It-tnaqqis fil-listi ta' stennija u l-għoti ta' assigurazzjoni lill-familji eliġibbli li dawn **se jsibu akkomodazzjoni aktar malajr u b'mod effiċjenti**, permezz ta' allokazzjoni ottimizzata, u skemi diversifikati

43 L-introduzzjoni ta' **skema volontarja ta' pensjoni supplimentari** (Pensjoni Okkupazzjonali - it-Tieni Pilastru) fejn min iħaddem joffri l-istess kontribuzzjoni sabiex tingħata spinta lit-tfaddil għall-irtirar

44 It-tkomplija fl-irfinar **tal-indiċi tal-aġġustament annwali tal-pensjonijiet**, sabiex il-pensjonijiet tal-Istat jallinjaw mal-inflazzjoni u l-għoli tal-ħajja, li bħalissa huma stabbiliti skont il-medju peżat tal-inflazzjoni (30%) u ż-żieda fis-salarji (70%)

45 It-tkomplija tal-iżvilupp ta' programmi li jipprovdu taħriġ marbut mal-impjiegi, internships, u inċentivi għal min iħaddem biex **jimpjega persuni b'diżabilità u gruppi oħra sottorappreżentati**

46 Kollaborazzjoni ma' **organizzazzjonijiet volontarji** biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' persuni anzjani fi programmi ta' volontarjat, sabiex joffru kumpanija lil nies tamparhom li jkunu qegħdin jesperjenzaw iżolament u solitudni

47 It-twessigħ ta' aċċess għal **appoġġ usa' għall-familji**, l-estensjoni tas-servizzi lil hinn minn soluzzjonijiet marbutin mal-indukrar tat-tfal u l-għoti ta' leave aktar flessibbli lill-ġenituri u għażliet ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, bħal kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol

48 It-tkomplija tal-iżvilupp tal-programm li jirrappreżenta u jsaħħaħ is-servizzi **għat-tfal u l-adolexxenti**, kemm matul il-ħinijiet tal-iskola kif ukoll lil hinn minnhom

49 Il-ħolqien ta' **app li taħdem bil-blockchain** biex tinċentiva liċ-ċittadini **jadottaw azzjonijiet u mġibiet sostenibbli**, billi toffri premjijiet uniċi għall-individwi, filwaqt li ssegwi l-impatt tal-isforzi tagħhom

Ekonomija Blu/Marittima
Ekonomija Ħadra/Ekoloġika

# Politiki Soċjali – Migrazzjoni | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

***Kontroll fuq il-migrazzjoni***



50 ***L-issodisfar tal-ħtiġijiet tax-xogħol, speċifiċi għas-settur:*** *Żieda fil-kompożizzjoni tal-impjiegi minn ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs) fil-kategoriji li jinħtieġu ħiliet kritiċi, sabiex jiġi rifless proporzjon eqreb għal dak taċ-ċittadini tal-UE*

51 ***Limitu fuq l-applikazzjonijiet għall-forza tax-xogħol:*** *Il-kontroll fuq ir-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex dan ikun allinjat bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jevita li jikkawża saturazzjoni*

***Titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol***



52 ***Approċċ ibbażat fuq il-Ħiliet għall-Migrazzjoni:*** *Tnaqqis fil-perċentwal ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kkwalifikati aktar milli meħtieġ biex ikunu fl-istess livell jew taħt il-medja tal-UE*

53 ***Aġġustament tas-salarju għal impjiegi li jinħtieġu ċerti ħiliet:*** *Ħidma lejn il-kisba ta' iktar konverġenza fil-paga medja taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mal-limiti tas-suq, bil-għan li tinkiseb remunerazzjoni ġusta u l-assimilazzjoni tal-paga*

# Il-Mobbiltà | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

54 ***Mobbiltà kondiviża:*** *L-espansjoni fid-disponibbiltà ta' roti, skooters elettriċi, u karozzi żgħar*

55 ***Sistemi ta' trasport tal-massa:*** *L-iżvilupp ta' sistemi ekoloġiċi ta' trasport pubbliku tal-massa*

56 ***Adozzjoni ta' Vetturi Elettriċi (EV):*** *L-implementazzjoni ta' sussidji fuq ix-xiri ta' vetturi elettriċi u għotjiet għall-istallazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar fid-djar*

57 ***Żieda fir-rotot fuq il-baħar:*** *Żieda fir-rotot u fil-postijiet fuq il-laneċ għall-konnettività bejn il-gżejjer u fi ħdan il-gżejjer (Għawdex u Kemmuna)*

58 ***Pjattaforma ta' Mobbiltà bħala Servizz[1]:*** *L-integrazzjoni ta' modi ta' trasport pubbliku, privat u kondiviż fi pjattaforma waħda f'ħin reali mħaddma mid-Digital Twin ta' Malta*

20 *Il-konnettività bl-ajru:* ***Konnessjonijiet diretti fuq distanzi twal*** *(jiġifieri lejn l-Amerika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani u l-Asja)*

20 *Il-konnettività bl-ajru:* ***Sehem ibbilanċjat bejn linji tal-ajru low-cost vs. dawk li joffru servizz komprensiv*** *għal konnessjonijiet fuq medda medja*

59 ***Droni għal-Loġistika Kummerċjali:*** *L-użu tad-droni biex tittaffa l-konġestjoni fit-toroq u jiġu ottimizzati l-flussi tal-kunsinni*

1. Il-Mobbiltà bħala Servizz (eż., taxis kondiviżi, scooters elettroniċi)
2. L-inizjattiva tal-Konnettività bl-ajru tinkludi kemm l-Avjazzjoni kif ukoll il-Mobbiltà (ref. pġ. 40)

Sorsi: Eurostat, Statista, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

*Ekonomija Blu/Marittima* — *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

KWALITÀ TA’ ĦAJJA SANA GĦAL KULĦADD

TKABBIR EKONOMIKU SOSTENIBBLI

SERVIZZI AĊĊESSIBBLI U LI JQIEGĦDU LIĊ-ĊITTADIN FIĊ-ĊENTRU

**PAJJIŻ REŻILJENTI U SISTEMA TA’ EDUKAZZJONI MODERNA**

UŻU INTELLIĠENTI TAL-ART U L-BAĦAR

FATTURI ABILITANTI

ENVISION2050

# PAJJIŻ REŻILJENTI U SISTEMA EDUKATTIVA MODERNA

Immaniġġjar reżiljenti tar-riżorsi umani u naturali strateġiċi sabiex jiġu żgurati l-adattabbiltà u t-tħejjija għal sfidi futuri

***L-Edukazzjoni***

*Trasformazzjoni fis-sistema edukattiva sabiex tinbena **forza tax-xogħol b'ħiliet moderni u mħarrġa għall-futur** - standards akkademiċi għoljin u viżjoni strateġika sabiex tiġi żgurata l-edukazzjoni tul il-ħajja allinjata mad-domanda tas-suq tax-xogħol*

***L-Enerġija***

***Il-kisba ta' provvista ta' enerġija aktar ekoloġika, affordabbli u msaħħa** - Malta se tnaqqas l-emissjonijiet permezz ta' taħlita ta' enerġiji aktar ekoloġiċi, il-ġlieda kontra l-faqar fl-enerġija, u t-tisħiħ tal-konnessjonijiet kontinentali għal sistema ta' provvista aktar flessibbli u effiċjenti*

***L-Ambjent***

*L-issodisfar tal-mira **Nazzjonali tan-Newtralità Karbonika**, l-iżgurar tal-Preservazzjoni tal-Bijodiversità, **l-Ekonomija Ċirkolari** u **r-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-ikel**; Titjib fl-immaniġġjar tal-**Iskart**, tal-**Ilma** u **tal-Kwalità tal-Arja**; L-iżvilupp ta' **infrastrutturi reżiljenti għat-tibdil fil-klima** u l-ħarsien tal-linji kostali kontra l-ħiefa*

***L-Identità Nazzjonali***

***It-tisħiħ tal-wirt kulturali** ta' Malta permezz ta' inizjattivi strateġiċi ffukati fuq il-preservazzjoni tas-siti u l-involviment tal-pubbliku, filwaqt li **tissaħħaħ id-difiża nazzjonali u l-kapaċitajiet tas-sigurtà ċibernetika** sabiex jiġi indirizzat theddid kontemporanju varju*

# L-Edukazzjoni u l-kisba ta' ħiliet ġodda | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

60 *Titjib fil-**programmi edukattivi** attwali, kemm dawk akkreditati kif ukoll dawk li jsiru fil-komunità, filwaqt li jiġu aġġornati l-kurrikuli nazzjonali b'enfasi fuq **ħiliet adattati għall-futur u d-dixxiplini STEM** (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika)*

61 *L-iżvilupp ta' **oqfsa ta' ħiliet speċifiċi għall-industrija u perkorsi ta' karrieri differenti**, appoġġati minn analiżi settorjali sabiex jiġu identifikati, antiċipati u **eliminati d-diskrepanzi potenzjali fil-ħiliet***

62 *L-għoti ta' **perkorsi ta' tagħlim integrat** (eż., programmi skolastiċi għall-familja u l-komunità) bħala parti mill-edukazzjoni obbligatorja u t-twessigħ fl-aċċess għas-servizzi **tas-saħħa mentali***

63 *Is-simplifikazzjoni u **t-tnaqqis tal-kompiti amministrattivi** u l-għoti ta' taħriġ infurmat mill-evidenza aktar relevanti għall-edukaturi*

1. Eż., Gwida u taħriġ minn professjonisti rtirati lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ billi jaqsmu magħhom dak li huma l-iktar esperti fih u l-għarfien tagħhom.
Sorsi: NSO, KE – Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, OECD, CEDEFOP, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# L-Enerġija | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

**Il-produzzjoni ta' Taħlita ta' Enerġija aktar Ekoloġika**

64 — *Mira nazzjonali sabiex **jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG)** fuq livell Nazzjonali*

65 — *Mira ambizzjuża għal Malta li **s-sehem tal-enerġija rinnovabbli jilħaq** il-25% sal-2030, prinċipalment permezz ta' **sistemi fotovoltajċi***

**Enerġija Affordabbli sabiex jiġi indirizzat il-Faqar fl-Enerġija**

66 — Inizjattiva li tinsab fil-proċess ta' twettiq

*Titjib **fl-affordabbiltà tal-enerġija** għall-familji kollha u speċjalment għal dawk il-konsumaturi vulnerabbli, permezz tal-promozzjoni ta' **provvista mħallta ta' enerġija affordabbli**, espansjoni fl-adozzjoni ta' enerġija rinnovabbli, u effiċjenza msaħħa fid-distribuzzjoni tal-elettriku*

**Interkonnettur(i) mal-Kontinent u pajjpijiet tal-idroġenu**

67 — Inizjattiva li tinsab fil-proċess ta' twettiq

*Espansjoni fl-interkonnettività ma' Sqallija u l-esplorazzjoni tat-tielet **konnessjoni mal-UE u/jew l-Afrika ta' Fuq**, iż-żieda fl-interkonnettività fi ħdan is-suq tal-enerġija tal-UE filwaqt li jiġu mistħarrġa soluzzjonijiet għall-pajpijiet tal-idroġenu internazzjonali (bħalissa hemm diskussjonijiet għaddejjin mal-UE dwar dan)*

1. L-2030 hija l-mira maqbula għall-inizjattivi kondiviżi fi ħdan il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) sabiex jintlaħqu l-aspettattivi tal-UE

*Ekonomija Blu/Marittima* | *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# L-Ambjent | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

**Il-kisba nazzjonali tan-Newtralità Karbonika**

64 *L-implimentazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima* ***(NECP)*** *sabiex titrieġa t-tranżizzjoni lejn in-newtralità karbonika*[1]

65 *Il-promozzjoni ta' inċentivi* ***għall-enerġija rinnovabbli*** *u sistemi ta' ħażniet f'bini residenzjali, industrijali u pubbliku*

**l-preservazzjoni tal-Bijodiversità, l-Ekonomija Ċirkolari u r-Reżiljenza tal-Katina tal-Provvista tal-Ikel**

68 *It-tnedija ta'* ***programm nazzjonali ta' restawr*** *li jiffoka fuq il-ħabitats naturali u l-immaniġġjar tal-ilma*

69 *L-introduzzjoni ta'* ***teknoloġiji avvanzati ta' riċiklar*** *u programmi mtejbin tas-separazzjoni tal-iskart*

70 *It-twaqqif ta'* ***ċentri lokalizzati għall-ħażna*** *ta' prodotti essenzjali tal-ikel, u s-sħubija* ***mal-bdiewa lokali*** *u ma'* ***min irabbi*** *sabiex jallokaw parti mill-produzzjoni tagħhom lil dawn iċ-ċentri*

**Sistema ta' mmaniġġjar tal-Iskart u Sorveljanza għall-Kwalità tal-Arja**

71 *Il-bini ta'* ***impjant li jikkonverti l-iskart*** *f'enerġija (waste-to-energy plant) u l-espansjoni tas-sistemi tal-ġbir u l-ipproċessar tal-iskart organiku*

72 *It-tisħiħ* ***fis-sistemi ta' sorveljanza tal-kwalità tal-arja fl-ibliet*** *u r-restrizzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet għoljin f'żoni urbani*

1. L-inizjattivi marbutin mal-"Kisba Nazzjonali tan-Newtralità Karbonika" jinkludu kemm l-Enerġija kif ukoll l-Ambjent.
Sorsi: Żviluppati skont il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) ta' Malta.

*Ekonomija Blu/Marittima* — *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# L-Identità Nazzjonali | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

### Il-preservazzjoni tal-Kultura u tal-Wirt Storiku

73 *L-implimentazzjoni ta' inizjattiva nazzjonali* ***għar-restawr, il-preservazzjoni u l-adattament ta' siti storiċi*** *u binjiet ta' patrimonju mhux utilizzati fi spazji kulturali u komunitarji* (Ekonomija Ħadra/Ekoloġika)

74 *It-tnedija ta' programm ta' finanzjament fit-tul sabiex* ***jappoġġja l-industrija tal-films, il-ħolqien tal-kontenut, u l-artisti kreattivi lokali*** *sabiex iwessgħu s-suq tagħhom permezz ta' kollaborazzjonijiet u opportunitajiet internazzjonali*

75 *Il-ħolqien ta'* ***Network Nazzjonali ta' Volontiera tal-Patrimonju*** *sabiex jitħarsu l-wirt kulturali u l-identità, permezz ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet lokali u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti edukattivi*

### In-Nies

76 *It-tisħiħ* ***tal-faċilitajiet sportivi****, kemm dawk fuq ġewwa kif ukoll dawk fuq barra, iż-żieda fil-kompetizzjonijiet bejn l-iskejjel, u l-għoti ta' appoġġ komprensiv sabiex jiġi adottat stil san ta' ħajja fil-gruppi kollha ta' kull età*

77 *Assigurazzjoni* ***lill-atleti tal-ogħla livell*** *li dawn ikollhom aċċess għal faċilitajiet ta' taħriġ ta' livell għoli, taħriġ minn kowċes esperti, tim ta' appoġġ b'livell għoli ta' ħiliet, u appoġġ finanzjarju sabiex jottimizzaw l-iżvilupp tagħhom*

### Id-Difiża Nazzjonali

78 ***Aġġornament tal-kapaċitajiet li bihom tiġi infurzata l-liġi ġewwa Malta*** *b'forensika diġitali mtejba, sistema ta' infurzar b'teknoloġiji analitiċi li kapaċi jidentifikaw attività kriminali potenzjali (predictive policing), u intelliġenza miġbura minn fost aġenziji differenti għat-titjib fil-prevenzjoni tal-kriminalità u rispons f'waqtu*

79 ***It-tisħiħ fis-sigurtà marittima ta' Malta*** *bis-saħħa ta' aktar investiment f'sistemi ta' kapaċitajiet ta' sorveljanza u kollaborazzjonijiet fid-difiża reġjonali* (Ekonomija Blu/Marittima)

### Is-Sigurtà ċibernetika

80 *It-twaqqif ta'* ***Unit Governattiva ddedikata għar-Rispons f'każ ta' Inċidenti Ċibernetiċi*** *(CIRU), sabiex ikunu jistgħu jiġu ttrattati f'waqthom inċidenti ċibernetiċi u jiġu mwettqin valutazzjonijiet tar-riskju, filwaqt li tiġi assigurata mitigazzjoni rapida*

81 *L-implementazzjoni ta'* ***qafas legali li jawtorizza l-ħolqien ta' standards fis-sigurtà ċibernetika*** *għall-aġenziji tal-gvern u l-operaturi ta' infrastruttura kritika, b'verifiki ta' konformità*

*Ekonomija Blu/Marittima* — *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

KWALITÀ TA’ ĦAJJA SANA GĦAL KULĦADD

TKABBIR EKONOMIKU SOSTENIBBLI

SERVIZZI AĊĊESSIBBLI U LI JQIEGĦDU LIĊ-ĊITTADIN FIĊ-ĊENTRU

PAJJIŻ REŻILJENTI U SISTEMA TA’ EDUKAZZJONI MODERNA

**UŻU INTELLIĠENTI TAL-ART U L-BAĦAR**

FATTURI ABILITANTI

envision2050

# Użu Intelliġenti tal-Art u l-Baħar

Immaniġġjar strateġiku, effiċjenti, u sostenibbli tal-beni naturali biex jiġu żgurati l-bilanċ ekoloġiku u l-prosperità nazzjonali fit-tul

***Allokazzjoni għal spazju industrijali***

*Allokazzjoni selettiva tal-art u l-ispazju għal żvilupp industrijali, allinjata mal-prijoritajiet tal-iżvilupp ekonomiku: (i) xprunaturi tal-allokazzjoni tal-art skont is-settur u d-daqs tal-investiment, (ii) tfassil ta' politika li tippermetti l-bidla fl-użu*

***Ippjanar urban effiċjenti***

*Żvilupp sostenibbli tal-art li jiżgura l-preservazzjoni tal-wirt u bilanċ mal-għanijiet tal-iżvilupp ekonomiku; Ippjanar urban li jqiegħed liċ-ċittadini fiċ-ċentru billi tiġi enfasizzata arkitettura sostenibbli*

***Malta Ekoloġika***

*It-tisħiħ ta' żoni ekoloġiċi u l-protezzjoni tar-raba' li jinħadem; Il-konservazzjoni u r-restawr tal-ħabitats naturali sabiex jitħarsu l-bijodiversità u l-ekosistemi, bl-appoġġ ta' regolamenti robusti sabiex tiġi indirizzata d-degradazzjoni tal-art u tiġi miġġielda d-deforestazzjoni; Il-promozzjoni tal-użu tal-bijokarburanti biex jittaffa l-impatt tal-karbonju*

***Ir-Reklamazzjoni tal-art mill-baħar***

*L-esplorazzjoni ta' proġetti (jiġifieri li jinvolvu r-reklamazzjoni tal-art mill-baħar) li jirrispettaw u jtejbu l-ambjent, billi jiġu analizzati l-aħjar interventi sabiex jiżdied il-valur għall-pajjiż*

*Ekonomija Blu/Marittima* | *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# Użu Intelliġenti tal-Art u l-Baħar | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

### Allokazzjoni għal spazju industrijali

82 *L-implimentazzjoni ta' **tiġmigħ strateġiku** billi jiġu llokalizzati fabbriki kumplementari qrib xulxin jew qrib ta' xi infrastruttura ewlenija (eż., it-tqegħid ta' prodotti mmanifatturati lesti, qrib l-ajruporti jew il-portijiet)* ☆

83 *It-tisħiħ ta' **siti industrijali** b'faċilitajiet addizzjonali **ffukati fuq l-impjegati**, bħalma huma s-servizzi għall-indukrar tat-tfal, canteens, u akkomodazzjonijiet*

84 *L-għoti ta' prijorità **lill-allokazzjoni ta' spazju** għal **setturi strateġiċi** (bi kriterji definiti) u **l-aqwa użu tal-art** permezz tar-rilokazzjoni tal-impriżi fil-qasam tal-manifattura skont il-ħtiġijiet tan-negozju*

### Malta Ekoloġika

85 *It-tisħiħ ta' **spazji ħodor** u **t-trasformazzjoni ta' żoni urbani** permezz tal-ħolqien u t-tisbiħ ta' ġonna, parks u spazji miftuħin* ☆

### Ir-Reklamazzjoni tal-art mill-baħar

86 *L-esplorazzjoni ta' **inizjattivi ta' reklamazzjoni ta' meded ta' art** sabiex jiġi indirizzat l-ispazju limitat tal-art u l-ħolqien ta' spazju addizzjonali għall-ħtiġijiet tal-pajjiż* ☆ ☆

Sorsi: INDIS, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

☆ *Ekonomija Blu/Marittima* ☆ *Ekonomija Ħadra/Ekoloġika*

# Għawdex | Makro-Inizjattivi potenzjali ewlenin

## Makro-Inizjattivi

**Użu intelliġenti tal-art u l-baħar**

87 *Ippjanar effiċjenti tal-ispazju u l-iżvilupp urban*

88 *L-għoti ta' inċentivi lill-bdiewa u r-raħħala biex jadottaw prattiki sostenibbli (inkluż it-trattament xieraq tal-annimali), f'kollaborazzjoni mar-Razzett Sperimentali fix-Xewkija*[2]

**Tkabbir ekonomiku sostenibbli**

3 *L-espansjoni ta' akkomodazzjonijiet premium u bini mgħammar daqslikieku lukanda (eż., Luxe Airbnb)*[1]

57 *Żieda fir-rotot fuq il-baħar u fil-kapaċitajiet massimi tal-laneċ għall-konnettività bejn il-gżejjer u fi ħdan il-gżejjer*[2]

**Pajjiż Reżiljenti u Sistema Edukattiva Moderna**

89 *L-iżvilupp ta' inizjattivi biex jiġu attirati ħaddiema ta' valur għoli, negozji ġodda, u negozjanti, sabiex ikun hemm diversifikazzjoni fis-setturi (eż., l-użu tat-teknoloġija fl-agrikoltura - l-agriteknoloġija)*[2]

90 *Il-promozzjoni tal-identità, it-talent, u l-beni kulturali ta' Għawdex*

1 L-inizjattiva li tara espansjoni f'akkomodazzjonijiet tal-aqwa kwalità tinkludi inizjattivi marbutin kemm mat-Turiżmu kif ukoll ma' Għawdex (ref pġ. 28)
2 Żieda fir-rotot fuq il-baħar u fil-kapaċitajiet massimi tal-laneċ huma inizjattivi marbutin kemm mal-Mobbiltà, kif ukoll ma' Għawdex (ref. pġ. 52)

Ekonomija Blu/Marittima

Ekonomija Ħadra/Ekoloġika

## KWALITÀ TA' ĦAJJA SANA GĦAL KULĦADD

## TKABBIR EKONOMIKU SOSTENIBBLI

## SERVIZZI AĊĊESSIBBLI U LI JQIEGĦDU LIĊ-ĊITTADIN FIĊ-ĊENTRU

## PAJJIŻ REŻILJENTI U SISTEMA TA' EDUKAZZJONI MODERNA

## UŻU INTELLIĠENTI TAL-ART U L-BAĦAR

## **FATTURI ABILITANTI**

# Id-Diġitalizzazzjoni

L-ingranaġġ ta' teknoloġiji diġitali avvanzati sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza, il-konnettività, u l-kompetittività fis-settur kollu

| | |
|---|---|
| ***Id-Diġitalizzazzjoni tas-Settur Pubbliku*** | *__L-Integrazzjoni__ bejn is-settur __pubbliku__ u dak __privat__ permezz ta' servizzi mfasslin apposta (eż., l-eID bħala mekkaniżmu sigur ta' awtentikazzjoni) bħala fattur abilitanti sabiex jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi* |
| ***L-interoperabbiltà u L-infrastruttura Diġitali*** | *L-għoti ta' spinta __fl-adozzjoni tal-IA__ fis-setturi kollha bl-użu ta' fatturi abilitanti tal-ekosistema u l-oqfsa regolatorji (eż., Tech Sandbox) sabiex jiġi stabbilit __Repożitorju Ċentrali__ ta' data komuni* |
| ***Ċentru ta' Eċċellenza għall-Valutazzjoni tal-Konformità*** | *L-ippożizzjonar ta' Malta bħala ċentru għall-__Korpi ta' Valutazzjoni tal-Konformità__ (CABs), entitajiet ta' partijiet terzi li jwettqu valutazzjonijiet ta' konformità dwar l-IA u prodotti diġitali; Investiment __f'forza tax-xogħol speċjalizzata__ li mistenni jattira manifatturi tal-Hardware u tas-Software sabiex jiġġeneraw ritorn ekonomiku dirett lill-ekonomija Maltija* |
| ***Il-Promozzjoni tas-sostenibbiltà*** | *L-adozzjoni ta' __teknoloġija blockchain__ sabiex jiġi ttraċċat u mkejjel l-impatt tal-azzjonijiet sostenibbli permezz ta' sett ta' applikazzjonijiet li jippremjaw imġiba favur l-ambjent* |

Sorsi: L-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali, Rapport ta' RSM Malta, Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

# Id-Ditta Maltija

Ngħaqqdu flimkien id-ditti eżistenti Maltin taħt identità nazzjonali integrata u ħolistika

***L-istrateġija tad-ditta Maltija***

*L-iżvilupp ta' **strateġija nazzjonali tad-ditta Maltija** sabiex din tikkomunika l-viżjoni ta' Malta 2050 lil udjenzi partikolari bl-indikaturi strateġiċi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) u l-messaġġi prinċipali; It-tfassil ta' **kampanja maħsuba li tħalli impatt**, li tenfasizza s-sbuħija naturali, il-kultura, l-esklussività u s-sostenibbiltà ta' Malta*

***Il-messaġġ unifikat tad-ditta Maltija***

*Il-ħolqien ta' **messaġġ** ċar u konvinċenti marbut mad-ditta Maltija li jgħaqqad l-identità ta' Malta u ta' entitajiet settorjali speċifiċi taħt saqaf wieħed u uniku, u **b'identità verbali u viżwali li ġġib flimkien** u tirrifletti l-Viżjoni 2050 ta' Malta permezz ta' slogan, logo u narrattiva ta' ispirazzjoni*

***Ippożizzjonar sostenibbli tal-aqwa kwalità***

*It-tisħiħ **tal-pożizzjoni pprivileġġjata** ta' Malta permezz tal-promozzjoni tal-esklussività u esperjenzi ta' kwalità għolja;*

*Il-Prijoritizzazzjoni tas-sostenibbiltà bil-promozzjoni ta' vjaġġar ekoloġiku u inizjattivi ta' konservazzjoni, li bis-saħħa tagħhom jiġu attirati viżitaturi ta' valur għoli filwaqt li jiġi ppreservat il-wirt Malti*

***L-istrateġija tal-media***

*L-attivar ta' **taħlita strateġika ta' mezzi tal-media**—il-media soċjali, il-pjattaformi diġitali, l-użu ta' nies influwenti, u l-media tradizzjonali —sabiex jiġi amplifikat il-messaġġ tad-ditta Maltija; It-tfassil ta' kontenut maħluq apposta għal kull pjattaforma, filwaqt li jiġi żgurat li l-messaġġ jilħaq l-akbar ammont ta' nies possibbli, li jkun hemm involviment sħiħ mill-atturi ewlenin, u konnessjonijiet sinifikanti ma' udjenzi differenti*

# It-tfassil tal-politika u l-Governanza

It-tfassil ta' politiki li jħarsu 'l quddiem, li huma robusti, inklużivi, u adattabbli għall-allinjament tal-għanijiet nazzjonali

| | |
|---|---|
| **Qafas legali flessibbli, adattabbli u innovattiv** | *L-ingranaġġ tal-qafas legali Malti sabiex jattira u jżomm **it-talent** (eż., ir-ripatrijazzjoni ta' espatrijati tas-sengħa), **operaturi finanzjarji**, u **investituri f'setturi strateġiċi** (eż., il-Gaming, il-Bijoteknoloġija)*<br>*L-iżvilupp ta' politiki sabiex dawn jallinjaw **mal-aħjar prattiki**, li jippermettu l-adattament **għat-teknoloġiji emerġenti** u **x-xejriet tas-suq** (eż., it-teknoloġija fil-qasam finanzjarju, blockchain) filwaqt li jibbilanċjaw il-protezzjoni tal-investituri b'inċentivi għat-tkabbir* |
| **L-infurzar tar-regolamenti** | *It-trawwim ta' **qafas legali ċar, korpi regolatorji** mgħammrin tajjeb (eż., MFSA[1], ERA[2]) u sorveljanza robusta (eż., awditjar, għodod ta' rappurtaġġ immexxijin mid-data bis-saħħa ta' proċess kompletament iddiġitalizzat) appoġġjati minn penali proporzjonali f'każ ta' nuqqas ta' konformità, kollaborazzjoni fl-infurzar tal-liġi, u impenn lejn it-trasparenza u l-adattabbiltà* |
| **It-Tnaqqis ta' ostakli burokratiċi** | *Investiment **fis-simplifikazzjoni tal-burokrazija** u **r-razzjonalizzazzjoni tar-regolamenti** (eż., investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv (AIFMD)) sabiex tittejjeb il-faċilità li biha jsir in-negozju (eż., tnaqqis fil-ħin meħtieġ għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà, it-tfassil ta' riżoluzzjonijiet f'każ ta' falliment) u l-mitigazzjoni ta' riskji potenzjali (eż., il-kontroll tal-korruzzjoni)* |
| **Kontribuzzjoni attiva għat-Tfassil tal-Politika tal-UE** | *L-ingranaġġ ta' **kapaċitajiet distintivi** f'setturi magħżulin (eż., Il-Gaming, it-teknoloġija fil-qasam finanzjarju/Cryptocurrency, Cybersec) sabiex jingħata **kontribut attiv lit-Tfassil tal-Politika** fi ħdan il-qafas regolatorju tal-UE* |

1. L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji 2. L-Awtorità tar-Riżorsi u Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv
Sorsi: Riċerka Sekondarja; Analiżi ta' studju ta' każijiet partikolari

## Programm iċċentralizzat għall-Uffiċċju li se jkun qed jimmaniġġja l-proġett (PMO)

Responsabbli mill-Eżekuzzjoni tal-viżjoni;

Iħares u jiżgura l-koordinament bejn il-Ministeri kollha

### Ir-responsabbiltajiet ta’ dan l-Uffiċċju

**Il-Koordinament**

Task force ddedikata biex tikkoordina l-implimentazzjoni ta’ inizjattivi bejn il-Ministeri differenti

**L-Appoġġ**

L-għoti ta' riżorsi b’ħiliet kritiċi sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-inizjattivi

**Is-Sorveljanza**

It-traċċar ċċentralizzat tad-data sabiex jiġi mkejjel l-impatt u tiġi żgurata komunikazzjoni trasparenti

# Il-kisbiet ewlenin ipproġettati għad-9 sat-12-il xahar li ġejjin sabiex jitnieda l-proċess ta' implimentazzjoni tal-Viżjoni 2050

1. **It-twaqqif u t-tnedija tal-Uffiċċju li se jkun qed jimmaniġġja l-proġett (PMO)**
   (i) Governanza, (ii) Riżorsi, (iii) Proċessi, (iv) Għodod

2. **Il-ġbir ta' inizjattivi eżistenti (1800+) minn ħdan l-istrateġiji settorjali varji sabiex dawn isiru iktar kompatibbli**
   (i) il-valutazzjoni ta' dawk eżistenti, (ii) l-inkorporar ta' oħrajn ġodda (minn ħdan l-istrateġiji aġġornati)

3. **L-iżvilupp ta' proċess ta' kejl u dashboard relatata ta' sorveljanza**
   e.g. eż., l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs), il-frekwenza tal-valutazzjoni, il-ġbir tad-data, ...



# GRAZZI